Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Att t'Akkuza numru 15/2020

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Deniro Bugeja

Illum 11 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 15 tas-sena 2020 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Deniro Bugeja detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 557594M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi, nhar il-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-Pulizija Ezekuttiva rceviet rapport minghand *Social Worker* li tahdem fi hdan l-Appogg, liema rapport kien jirrigwarda allegat abbuz sesswali fuq Omissis, minuri ta' hmistax (15)-il sena;

Illi, in vista ta' dan ir-rapport, il-vittma giet mitkellma mill-Pulizija fejn hija stqarret li f'Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija kienet bdiet relazzjoni mal-akkuzat Deniro Bugeja, liema relazzjoni kienet pero' sfaxxat fix-xejn ftit tax-xhur wara. Ftit wara li din l-istess relazzjoni ntemmet, Omissis kienet skopriet li l-akkuzat Deniro Bugeja kien qed jitkellem ma tfajla ohra, u ghaldaqstant l-istess Omissis ikkomunikat ma din l-istess tfajla;

Illi, Deniro Bugeja xejn ma ħa pjaċir b'dan l-attegjament ta' Omissis. Nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30), Deniro Bugeja ċempel lil Omissis permezz ta' numru anonimu (*private number*) fejn qalilha sabiex tinżel barra r-residenza tan-nanna tagħha ġewwa l-Fgura. Hija għamlet hekk u filfatt l-akkużat wasal fuq il-post ftit wara bil-vettura tiegħu. Omissis rikbet f'din l-istess vettura misjuqa mill-akkużat Deniro Bugeja, fejn ħemmhekk inqalat kommossjoni bejniethom fejn saħansitra l-akkużat Deniro Bugeja ħa t-telefon ċellular ta' Omissis sabiex iħassrilha kwalunkwe messaġġ u ritratt li kellhom x'jaqsmu miegħu minn fuq dan l-istess telefon ċellulari;

Illi, wara dan kollu, Deniro Bugeja, li sadattant kien għadu fil-pussess tat-telefon ċellulari tal-vittma, saq lejn ir-residenza fejn huwa kien joqgħod ma' ommu ġewwa Ħaż-Żabbar u ħemmhekk qal lil Omissis sabiex titla' fuq miegħu fil-kamra tas-sodda tiegħu. Omissis obdiet u hekk kif waslu ġewwa l-kamra tas-sodda tiegħu, l-akkużat Deniro Bugeja għalaq il-purtieri u għalaq l-bieb, u qal lill-vittma sabiex tinża' l-ħwejjeġ li kienet liebsa. Hija m'aċċettatx li tagħmel hekk, u kien proprju minn ħemmhekk li l-affarijiet hadu svolta xejn pjaċevoli. L-akkużat Deniro Bugeja, meta ra r-reżistenza tal-vittma biex tinża', neħħilha l-ħwejjeġ li kienet liebsa hu stess, u għaddha sabiex jippenetraha b'mod anali, u ċioe' kellu kongungiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-*anus* tagħha permezz tal-parti ġenital tiegħu. Omissis weġgħat b'tali penetrazzjoni u Deniro Bugeja, meta ra hekk, kien waqaf u għadda sabiex jippenetraha b'mod vaġinali, u ċioe' kellu kongungiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenital tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu;

Illi, ukoll filwaqt li l-vittma kienet qed tiġi ppenetraha mill-akkużat Deniro Bugeja kontra l-volonta' tagħha, hekk kif deskritt aktar il'fuq, huwa ukoll refa' jdejh fuqha u qal kliem dispreġġjattiv fil-konfront tagħha. Fl-aħħarnett, saħansitra huwa ġibdilha rasha bis-saħħa u egakulha f'ħalqha, dejjem kontra l-volonta' tagħha;

Illi, tajjeb jinghad li dakinhar ta' dan l-incident, u cioe' nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), Omissis kellha biss hmistax (15)-il sena;

Illi, wara dan l-agir tal-akkuzat Deniro Bugeja fil-konfront taghha, il-vittma Omissis, kienet fethet qalbha l-ghada – u cioe' nhar il-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u mal-Guidance Teacher tal-iskola taghha, li kienet imbghad irreferiet il-kaz lill-Appogg li sussegwentement irrapurtaw kollox mill-Pulizija Ezekuttiva;

Illi, dan l-istupru huwa wiehed aggravat ai termini tal-ligi stante li gie kommess fuq minuri.

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Gabriel Micallef) vs Deniro Bugeja</u>** (*per* Mag. Dr. Doreen Clarke LL.D.), l-akkuzat Deniro Bugeja kien nstab hati ta' reat/i kriminali, u ghaldaqstant huwa ukoll recediv ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi.

Illi, ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, sar hati talli, nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, minghajr kunsens, ikkometta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali u anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra (Omissis), b'dana illi dan l-istupru huwa wiehed aggravat *stante* li gie kommess fuq minuri.

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Deniro Bugeja rrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza,

jakkuza lill-imsemmija akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, hati talli, nhar l-erbatax (14) ta' Mejju ta-sena elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, minghajr kunsens, ikkometta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali u anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra (Omissis), b'dana illi dan l-istupru huwa wiehed aggravat *stante* li gie kommess fuq minuri.

L-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar il'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att t'Akkuza, jakkuza ukoll lil Deniro Bugeja li rrenda ruhu recediv.

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' (7) snin sa erbghin (40) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 198, 202(g), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali  Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:**

Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija fil-Kap precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, u cioe' nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, l-akkuzat Deniro Bugeja arresta, zamm jew issekwestra lil Omissis kontra l-volonta' taghha;

Illi, kif gia espost fil-Kap precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, l-akkuzast ha lill-vittma fil-kamra tas-sodda tieghu gewwa r-residenza ta' ommu gewwa Haz-Zabbar. Hemmhekk ghalaq il-purtieri u l-bieb u dana sabiex ikollu kongungiment karnali mal-vittma kontra l-volonta' taghha.  Matul dan l-agir kollu fil-konfront taghha, hija ma setghetx tahrab jew titlaq minn fuq il-post u kienet mizmuma bil-forza kontra r-rieda

taghha, u dana sabiex tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Illi, l-akkuzat Deniro Bugeja ma kellu l-ebda ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u lanqas ma kellu s-setgha bil-ligi li jarresta, jzomm, jew jissekwestra lil Omissis kontra l-volonta' taghha;

Illi, dan ir-reat huwa aggravat stante li sar bhala mez sabiex Omissis tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-ismijiet: **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Gabriel Micallef) vs Deniro Bugeja** (*per* Mag. Dr. Doreen Clarke LL.D.), l-akkuzat Deniro Bugeja kien nstab hati ta' reat/i kriminali, u ghaldaqstant huwa ukoll recediv ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi.

Illi, ghalhekk, b'ghemilu l-akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, sar hati talli nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra persuna (Omissis) kontra l-volonta' taghha, b'dana illi dan id-delitt sar bhaal mezz biex persuna (Omissis) tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Illi, di piu', per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Deniro Bugeja rrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Deniro Bugeja, recediv f'delitt, hati talli nhar l-erbatax (14) ta'

Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra persuna (Omissis), kontra l-volonta' taghha, b'dana illi dan id-delitt sar bhala mezz biex persuna (Omissis) tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmjija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, jakkuza ukoll lill-Deniro Bugeja li rrenda ruhu recidiv.

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax (13) -il xahar sa erba' (4) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(g), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ipremetta:**

Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi precedent ta' dan l-Att ta' Akkuza, u cioe' nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), gewwa l-Gzejjer Maltin, meta Omissis kien ghad ghandha hmistax (15) -il sena, l-akkuzat Deniro Bugeja kien stupraha, u kellu, minghajr il-kunsens taghha, kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali u anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' gisimha, hekk kif hemm stipulate fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuza;

Illi, apparti dan kollu, l-istess vittma Omissis kienet stqarret ukoll li meta kienet ghadha f'relazzjoni mal-akkuzat, u cioe' minn Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u x-xhur ta' wara, meta hija kienet ghadha kemm ghalqet hmistax (15)-il sena hija kellha attivitajiet sesswali konsenswali ma' l-akkuzat Deniro Bugeja. Dan huwa

fatt li jammetti ghalih anke l-akkuzat stess fl-istqarrija rilaxxata volontarjament minnu nhar il-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018);

Illi, dan ir-reat huwa wiehed aggravat ai termini tal-ligi stante li sar fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfruzar, forza jew theddid.

Illi di piu, permezz ta' sentenza datata erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-ismijiet**: Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Gabriel Micallef) vs Deniro Bugeja** (*per* Mag. Dr. Doreen Clarke LL.D.), l-akkuzat Deniro Bugeja kien nstab hati ta' reat/i kriminali, u ghaldaqstant huwa ukoll recediv ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi.

Illi, ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, sar hati talli fl-erbatax (14) ta' mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' (Omissis), b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li sar fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid.

Illi, di piu, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat Deniro Bugeja rrenda ruhu recidiv.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, hati talli fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Gzejjer Maltin, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' (Omissis), b'dana illi dan ir-reat huwa wiehed aggravat stante li sar fuq persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid.

l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar l'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, jakkuza ukoll lill-Deniro Bugeja li rrenda ruhu recivid.

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Deniro Bugeja, recediv f'delitt, u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn sitt (6) snin sa tletin (30) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 204C(1), 204C(2)(a), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**Illi l-Avukat Generali fir-Raba' u l-ahhar Kap ipremetta:**

Illi, nhar id-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), l-akkuzat Deniro Bugeja kien gie kkundannat ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin permezz ta' sentenza fl-ismijiet "**il-Pulizija (Sp. Maria Stella Attard) vs. Deniro Bugeja**", liema sentenza hija llum-il gurnata wahda definittiva.

Illi, fil-kuntest tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija fil-Kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, u cioe' fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, l-akkuzat Deniro Bugeja, ikkommetta reat/i ulterjuri waqt li kellu imposta fuqu s-sentenza sospiza aktar il'fuq imsemmija.

Illi, ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat Deniro Bugeja, sar hati talli fl-erbatax (14) ta' Mejju 2018 u fis-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, ikkommetta reati li ghalihom hemm piena ta' prigunerija, li saru matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il'fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi akkuzat Deniro Bugeja hati talli fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena

elfejn u tmintax (2018) u fis-snin ta' qabel, gewwa l-Gzejjer Maltin, ikkometta reati li ghalihom hemm piena ta' prigunerija, li saru matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat Deniro Bugeja, illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' tlet (3) xhur jew inkella jigi tratatt mieghu a rigward is-sentenza sospiza in kwistjoni u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F u 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**Ikkunsidrat:**

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni:

Illi l-**Ispettur John Spiteri** xehed waqt il-guri u stqarr illi fil-15 ta' Mejju 2018 kien duty il-vice-squad, w ircieva rapport mis-social worker Kathleen Sciberras mill-Child Protection Services fejn tkellmet mieghu rigward abbuz sesswali fuq minuri. Spjegatlu li l-minuri kienet Omissis. Din kienet l-iskola u tkellmet mal-guidance teacher taghha bl-isem ta' Ruth Spiteri fl-iskola San Benedittu, Hal Kirkop u kienet qaltilha li l-lejl ta' qabel hija kienet giet allegatament stuprata mill-*ex boyfriend* taghha. Huwa kien infurma lis-social worker taghha Kathleen Sciberras sabiex tmur l-ufficcju tieghu flimkien mal-minuri kif fil-fatt gara.

Irrizultalu li l-minuri kienet qeghda taht *care order* ma l-istess Agenzija Appogg. Huwa tkellem mal-allegat vittma Omissis fil-presenza tas-social worker fejn din spjegatlu li kellha din ir-relazzjoni ma certu Deniro Bugeja u din ir-relazzjoni kienet bdiet proprju f'xi zmien f'Settembru tas-sena 2017. Wara ftit xhur pero din ir-relazzjoni sfaxxat fix-xejn pero Omissis spjegat li kien ghad baqghalha grazzja ma l-istess Deniro. Waqt ir-relazzjoni spjegat li kellha x'taqsam ma Deniro f'zewg okkazjonijiet u qaltilhom ukoll li kienu konsenswali min naha tat-tnejn. Il-minuri kellha l-eta' ta' erbatax il-sena meta

ltaqghet mieghu u xi gimghatejn wara ghalqet hmistax-il sena. Missierha ma ridhiex li hi tohrog ma Deniro Bugeja u dan peress li kien ikbar minnha hafna.

Qaltlu li f'dan l-istess perijodu skopriet li Deniro kien qieghed f'relazzjoni ma xi hadd iehor u kienet baghtet SMSes u messaggi tramite kemm Messenger u SMSes tal-linja taghha tal-mobile biex tikkomunika ma din it-tfajla. Allegatament kien hemm ukoll xi ritratti li gew mghoddija lil din it-tfajla u kienet skattat xi forma ta' glieda fuq dan Deniro Bugeja. Dan ta' l-ahhar kien jghidilha sabiex tieqaf b'dan l-agir taghha. Meta ra hekk Omissis spjegatilthom li proprju fl-14 ta' Mejju 2018 hija rceviet telefonata, il-call log kien private number u kien proprju Deniro li kien cemplilha u kien qalilha li ried jiltaqa' maghha. Infatti Omissis accettat u iltaqghet ma l-istess Deniro u dan kien mar bil-karozza tieghu fejn id-dar tan-nanna taghha f' Haz-Zabbar sabiex jitkelmu. X'hin dahlet fil-karozza proprju fis-7.30p.m dan Deniro kien irrabjat u beda jghidilha xi kliem dispreggattiv u kien hadilha l-mobile biex proprju ihassar xi messaggi kif ukoll xi ritratti li kienu hadu huma fiz-zmien li kienu fir-relazzjoni flimkien u fost hafna tghajjir kien qalilha li ma jridx li tibqa' tibghatlu u lit-tfajliet tieghu dawn it-tip ta' messaggi. Hu saq lejn Marsaskala u Deniro qalilha sabiex titla fil-kamra tieghu. Ghal bidu ma riditx tidhol izda mbghad hu beda jinbuttaha. Bdiet isaqsih x'kienet ir-raguni pero accettat li tidhol peress li l-mobile taghha kien ghadu fil-pussess tieghu. Dahlu fil-kamra tas-sodda, gieghlha tinza l-hwejjeg, imbaghad spjegat li kien vjolenti maghha u kellu x'jaqsam maghha sesswalment kemm vaginali kif ukoll anali. Spjegat li waqt li kien qed ikollu x'jaqsam maghha hu taha diversi daqqiet ta' harta kif ukoll ghajjarha xi kliem waqt li kien qed ikollu x'jaqsam maghha u ghamel ukoll pressure fuq ghonqha. Hi bdiet tibki u tghidlu biex jieqaf izda hu ma waqafx. Fost il-kliem li qalilha, qalilha 'antipatka' u li 'la riedet hekk, tiehu hekk'. Qalilha wkoll li la riedet tkun mara kbira, hekk tkun mara kbira. Hi qalet li kienet ixxukjata ghaliex gieli marru flimkien qabel izda qatt ma agixxa hekk. Tghid li kien egakula f'halqha u kien gibidha minn rasha biex isiru dawn l-affarijiet. Meta pprova jakkwista iktar informazzjoni fuq ir-relazzjoni taghhom Omissis stqarret illi kellhom x'jaqsmu darbtejn matul ir-relazzjoni taghhom u kien konsenswali. Qalet li Deniro kien jaf bl-eta' taghha infatti l-

birthday taghha kien nhar is-17 ta' Settembru u meta ghalqet hmistax-il sena kien hemm dizgwid ghaliex hu xtaq jattendi ghal party u missiera ma riedx. Kienet infethet inkjesta Magisterjali u kienu gew mahtura Dr. Marisa Cassar ghad-DNA, Dr. Vella bhala gynaecologist u PC 365 Edith Borg bhala scene of the crime officer.

Meta huwa gie affaccjat b'dawn l-allegazzjonijiet huwa ghadda biex jarresta l-akkuzat li gharaf fl-awla u dan gie moghti d-drittijiet tieghu inkluz id-dritt li jkun assistit minn avukat izda huwa kien iffirma dikjarazzjoni li ma riedx jiehu l-parir legal qabel l-interrogatorju. Huwa hadlu stqarrija u ghal bidu nnega dawn l-allegazzjonijiet pero wara kien ikkonferma li kellu relazzjoni maghha u li kellu x'jaqsam maghha sesswalment f'zewg okkazzjonijiet u kkonferma ukoll li f'dik l-okkazzjoni meta qed isemmu tal-14 ta' Mejju, 2017 kien minnu li mar ghal Omissis bil-karozza tieghu, li hatfilha l-mobile u ammetta li kien hemm xi forma ta' tghajjir u xi forma ta' dizgwid bejniethom pero kien qallu li s-sess kien wiehed konsenswali.

Omissis kienet stqarret illi meta gew biex johorgu mill-kamra, lahqu wasslu omm u missier Deniro, hi nizlet u wassalha bicca bil-karozza. Il-mobile taghha kien tellghu hu fil-kamra tieghu. Hu ma kienx uza xi tip ta' protezzjoni waqt is-sess. Hi kienet *reluctant* li titla, izda hu beda jimbuttaha. Il-mobile phone kien ghadu fil-pussess tieghu. Hi spjegat li fil-hin li qattghu fil-karozza, hi bdiet tibki u hu kien irrabjat hafna u kompla u baqa' waqt l-att sesswali.

L-istqarrija ttiehdet dakinhar stess meta gie arrestat b'mod awdjo-viziv fejn prezenti kien hemm hu u surgent kif ukoll social worker peress li l-minuri kienet taht *care order* rizultat ta' diversi dizgwidi li kellha mal-genituri taghha u kienet tghix ma nannitha f'Haz-Zabbar. Muri dokument fol. 3 gharaf il-firem koncernati u d-dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali. Spjega li Dok AD1 hu mobile phone li gie elevat minn fuq Deniro Bugeja u li kien tieghu personali. Huwa pprezenta a fol. 4 u fol. 5 pprezenta estratt tal-atti ta' twelid ta' Bugeja u Omissis rispettivament. Kien ipprezenta wkoll il-fedina penali ta' Bugeja u a fol. 183 ipprezenta kopja tas-sentenza li kienet inghatat fil-

konfront tal-akkuzat u li kienet sentenza relatata ma offizi ta' traffiku. A fol. 213 sa fol. 216 gharaf is-sentenza li kienet inghatat fl-14 ta' Novembru 2015 fil-konfront tal-akkuzat li hi *res judicata* u li tikkoncerna offences relatati mad-droga. Gharaf ukoll is-CD esebita tal-istqarrija li ttiehdet b'mod awdjo-viziv. Il-minuri kienet ittiehdet Mater Dei akkumpanjata minn PC 278 u ttiehdu kampjuni li din tal-ahhar ghaddiethom lilu u hu ghaddiehom lil Dr. Marisa Cassar.

Illi nstemghet l-istqarrija tal-akkuzat **Deniro Bugeja** li rrilaxja b'mod awdjo-viziv nhar il-15 ta' Mejju 2018 fejn hu qal lill-Ispettur John Spiteri li ghandu tlieta u ghoxrin sena. Bhala xoghol, qal li jqassam il-pastizzi u jahdem fil-hwienet tal-pastizzi wkoll. Mistoqsi jekk kellux kazijiet mal-pulizija jghid li kellu kaz dwar droga u kaz iehor li saq vettura meta kien ghadu minorenni. Mistoqsi jekk jafx lil Omissis, jghid li jafha wara li kien iltaqa' maghha fuq Facebook. Kien iltaqa' maghha zewgt isjuf qabel. Qal li kien jithassarha u kienet tmur mieghu jiehdu flixkun birra u jitkellmu. Jghid li pero qatt ma kien hemm xi gherusija. Qal li kienet tifla minn mohha u kienet ghadha zghira. Jaf li tghix Haz-Zabbar ghalkemm jaf li ghandhom ukoll xi post B'Bugia ghax qaltlu fuq Facebook. Qal li gieli ghaddha ghaliha bil-karozza u gieli ltaqghu f'postijiet, pero qal li kien ilu ma jaraha. Mistoqsi x'ghandu xi jghid fuq ir-rapport li kien stupraha lejliet, jghid li kieku stupra mara kien iqattghalha l-hwejjeg u mhux imur maghha ghax tkun trid hi. Mistoqsi jekk kellux x'jaqsam ma Omissis jghid li kellu f'zewg okkazjonijiet. Darba minnhom kien fis-sakra u kien zmien ir-regatta u ghalhekk Settembru 2017. Qal li kienu marru jaraw film u sar xi tbaghbis u hekk minn naha taghha u huwa ma qalx le. Izda qatt ma qalilha ta' bilfors. Fil-fatt gie mgharraf li hija qalet li kellha x'taqsam mieghu ghax riedet u cioe' bil-kunsens taghha.

Lejliet, jghid li kien xoghol u din ma kienitx l-ewwel darba li dahlu omm it-tfal fin-nofs. Mistoqsi min beda idahhal l-omm it-tfal fin-nofs, jghid li Omissis u habiba ohra tieghu Royelle Camilleri. Kull darba din Omissis bdiet tizzikaha. Hija kienet titfa ritratt taghha mal-akkuzat. Gieli Royelle tellghet ritratt fejn kienet tidher id l-akkuzat imbaghad tidhol hi fuq messenger ma Royelle u jaqbduha fuqu. Xahar qabel gja kellu

xi jghid maghha ghaliex jekk kellha ritratt tieghu ma riedx li tibghathom lin-nies biex tinkihom u ma ghandhiex ghalfejn taqbad mat-tfajla li kien ikellem hu u tghidilha li qieghed maghha meta ma kienx, u li iltaqa' maghha u ghamel hekk u hekk. Qal li din Omissis kienet qed tipprova tkissru. Lejliet ma felahx iktar, ghalaq il-hanut kmieni u telaq. Cemplilha minn fuq il-mobile biex imur u qallha biex tohrog 'l barra. Qal li kien cemplilha bil-*hash* u ghalhekk ma kienx ser isibu. In-numru huwa 77106963. Qal li cemplilha bil-*hash* ghax kien jaf li ma kienitx ser twiegbu peress li kienet qed tiggieled ma l-ohra.  Cemplilha u din nizlet u hadilha l-mobile, qalalha s-sim card u taha l-pocket u qallha *'dan tieghek biex jibilghu f'ghajnu'*.  Qalilha li meta tnehhi r-ritratt jaghtiha l-mobile lura. Hija accettat li ttih il-password tal-mobile biex ihassarhom quddiemha. Hassar l-affarijiet quddiemha u rega taha l-mobile. Qal li kien irrabjat ghaliex Omissis bdiet tibghat kemm lit-tfajla tieghu u anke lin-nies ohra. Mistoqsi jekk qatt gabarha mill-iskola jghid li le. Jaf li hija fis-sekondarja ghaliex ghandha skond hu sittax-il sena. Meta l-ufficjal ikkoregih u qallu li ghandha hmistax-il sena jghid li allura gidbitlu ukoll. Qal li wara li talabha l-mobile rikbet fil-karozza u wara mar ghand ohtu ghac-cavetta u bdiet tkellmu u gerfxitlu mohhu u spiccaw id-dar tieghu gewwa Pisces, Triq il-Kappuccini, Zabbar. Dan kien wara is-7.30 p.m zgur ghax kien gja ghalaq il-hanut.  Staqsietu jekk kienux ser jibqghu hemm u qalilha iva u dahlu gewwa. Qal li telghu t-tarag kollu. L-ewwel ma telgha kien hu u spiccaw marru flimkien. Imbghad giet ommu u bdiet tisthi toqghod id-dar u mar iwassalha nofs triq u mar jinhasel lura id-dar. Qal li kieku ma missitux ma kienx ikollu aptit. Mistoqsi jekk bdietx tibki waqt li kellhom x'jaqsmu ma xulxin jghid li fil-karozza bdiet tibki. Waqt li kienu qed imissu lil xulxin ma bkietx. Kienet normali bhal fl-okkazzjoni precedenti. Qal li mar maghha kemm minn quddiem kif ukoll minn wara. Jghid li lanqas damu nofs siegha. Mistoqsi min nezzalha l-hwejjeg jghid li hi nezzathom bhas-soltu.  Qal li f'xi hin waqfitu ghax wegghet izda imbaghad komplew bhas-soltu. Mistoqsi jekk hux minnu li taha daqqa ta' harta waqt li kellhom x'jaqsmu, jghid li jista' jkun dak hu l-vizzju tieghu li jghafashom. Qalilha wkoll li hi kiesha, antipatka u li ser teqridlu hajtu jekk toqghod taqbad man-nies li jkun maghhom. Dan kollu sehh waqt li kien ikollu x'jaqsam maghha. Mistoqsi x'qalet Omissis, jghid xejn, ghaliex ghadha zghira u ma tridx titilfu.

Qal li dejjem bil-glied ikunu. Jghid li kien ghadu irrabjat ghaliha meta kellu x'jaqsam maghha, izda mhux li jistupraha jew isawwatha. Jghid li ma hux bniedem soft, bhal irgiel ohra. Mistoqsi jekk seta qabadha minn ghonqha waqt li kellu x'jaqsam maghha jghid li iva jista jkun. Qal li seta kien li qallha li tista tmur mieghu biex isodd it-toqob izda dan il-kliem sar qabel. Qal li hu nezzalha l-flokk pero jghid li l-qalziet lanqas nehhitu u kemm nizlitu biss. Qal li daqqiet ta' harta ma tahiex, pero seta zammha minn wiccha. Qal li waqt li kellhom x'jaqsmu qalilha li ma setghux ikunu flimkien u ghalhekk mhux vera li stupraha. Fil-karozza qaltlu li qatt ma ratu hekk izda mhux waqt li kellhom x'jaqsmu. Qal li hija bdiet tmissu u mbaghad ma setax joqghod. Izda jghid li ma rrejalizzax ghaliex ghamlitlu hekk. Qal li kienet gja ppjanat kollox. Qal li wassalha nofs triq ghax ried imur id-dar biex jinhasel, isajjar u jorqod. Spjega li hu jqum fl-4.00 a.m. Qal li halliha hdejn il-ground complex u ghalhekk kellha timxi bicca zghira. Imbaghad cemplilha biex jara jekk waslitx id-dar ghax thassarha li halliha nofs triq. Qal li hu ma kellux intenzjoni li jistupraha u jekk hasbet hekk jghid li jiddispjacih. Minkejja li kien mahruq maghha ma kienx kapaci jghid le u izomm lura. Qal li kif imissuh jaqa'. Mistoqsi fejn heles jghid li fit-tissue ghax condoms ma juzax. Qal li hu mbghad kompla f'halqha ghax riedet hi u hu ma qalx le. Qal li jista' jkun li zammha minn rasha waqt li kien qed jegakola. Jichad li meta cemplilha qalilha biex tbennen la trid hekk. Qal li jista' jkun ikollha hmura ma wiccha pero jghid li f'wiccha ma messhiex. Qal li fl-ebda hin ma qaltlu biex jieqaf u kemm il-darba bisietu waqt is-sess. Meta qaltlu li kienet qed twegga qaltlu u waqaf. Mistoqsi jekk waqt is-sess qalilhiex li ma kienitx qed tiehu pjacir u qal li jekk tkun tridu jieqaf, jieqaf. Gili ghamel sitt xhur jistenna mara ahseb u ara ma din u jaf li hi zghira. Deniro kkonkluda l-istqarrija tieghu billi kkonferma illi sa fejn jaf hu hija kellha sittax-il sena.

L-Ispettur Spiteri zied li l-akkuzat kien qalilhom li ghalaq il-hanut fis-7.30pm izda rrizulta lilu li kien ghalqu qabel, madwar is-6.30pm. Mistoqsi jekk hu ccekkjax il-Facebook accounts taghha meta gibidlu l-attenzjoni Bugeja, jghid li kien hemm hafna accounts u kien ra xi ftit minnhom. Meta kkonfronta lil Omissis fuq l-eta' spjegatlu fuq il-birthday party ta' hmistax-il sena li Bugeja kien xtrala xi rigali jew offrilha sabiex

jixtrilha xi rigali u ghalhekk rrizultalu li hu kien konoxxenti li Omissis kellha hmistax-il sena. L-unika mument li hu hass li l-allegata vittma setghet kienet qed tigdeb hi meta qalet li hi m'gharfitux fuq il-mobile mbghad irrizulta li hu cempel bil-private. Ma jeskludix li kien hemm indikat li kellha 16-il sena u li hemm iktar minn Facebook account wiehed. Ir-rapport bejn Omissis u Bugeja ghal bidu kien tajjeb u Omissis kienet iffisata fuqu u li kollox beda minn chats ta' Facebook. Kien irrizultalu li l-mod kif graw l-affarijiet Bugeja ngannha ghaliex ma kinietx taf li kien Bugeja li cemplilha. Hu ma jiftakarx li Omissis kienet qaltlu li hi hassret ic-chat logs. Bugeja kien hassar xi affarijiet mill-mobile taghha sabiex hi ma tkomplix tghaddihom lil terzi. Hija l-prassi li l-mobile tal-vittma ma jigix elevat. Meta giet ghandu, tista' tghid illi evidenza ma kienx ghad fadal. Meta jigih suspett li xi hadd qed jigdeb iva jigi elevat izda hu qaghad fuq il-verzjoni taghha. Kienu ghaddew erbgha u ghoxrin siegha minn meta Bugeja abbuza minn Omissis. Imbghad Bugeja egakula gewwa halqha imma t-tabiba ma sabitx evidenza fil-halq. Mistoqsi baghatx ghall-missierha, hu wiegeb li le ghax hi kienet b'care order u ghalhekk il-kura u l-kustodja kienet f'idejn l-istat. Il-minuri ma kienitx qeghda tajjeb ma missierha. Lin-nanna ma baghatx ghaliha lanqas u kellem biss lis-social workes u guidance teacher. Anqas ma kellem lil ohtha li hi izghar fl-eta' sabiex ma tismax rakkont ta' stupru. Billi kien ikellimhom ma kienx ser ikun konvint oltre sabiex jixhed l-akkuzi bil-gurament. Mistoqsi jekk l-allegazzjonijiet tal-minuri hadiex fil-kuntest li din kienet toqghod tibghat lil omm it-tfal ta' Deniro u t-tfajla li kellu hu wiegeb li l-komportament taghha kien pjuttost biex turih kemm hi ffissata fuqu. Hu sema' d-dikjarazzjoni taghha, police notes m'hemmx peress li hi minuri. Hu kien tkellem mal-Magistrat Inkwerenti u kienet ser tittiehed verzjoni medjo-legali mill-gynae. Ir-rakkont ghandu dejjem jigi rrakuntat mod mill-inqas. Hemm in-noti tieghu, semma lilha u kien tal-fhema illi l-verzjoni taghha kienet iktar attendibbli minn ta' Deniro. Mistoqsi jekk kienx saqsa lil Omissis li kienet hi li bdiet tmissu fil-karozza, hu jghid li hi nnegat dan. Mistoqsi jekk rahiex stramba qal illi l-mod ta' kif bdiet tirrakonta, il-komportament taghha kien juri li hi ghaddiet minn trawma imma xorta riditu lil Bugeja. Ikkonferma illi iva, Omissis kellha rapport sesswali ma *boyfriend* li kellha qabel. Ikkonferma wkoll illi lil Royelle ma kellimhiex. Inutli sabiex jgib iktar

evidenza jkompli jkabbar l-istorja sahansitra mat-tfajla l-gdida. Mistoqsi jekk irrizultalux illi wara din l-allegazzjoni Omissis baqghetx titkellem ma Deniro, qal li kellu suspett izda ma kellux prova bizzejjed ghax kien iressqu bi ksur ta' bail. Rapporti li ghamel Bugeja fil-konfront ta' Omissis jaf bihom. Hu jghid illi anke Deniro Bugeja kien kellmu dwar dan. Omissis xi gimgha wara riedet tahfer, izda ma ttiehdux passi min-naha ta' Bugeja u l-familjari tieghu, min-naha tieghu.

Bl-istess gurament l-Ispettur John Spiteri rega xehed u esebixxa fedina penali aggornata ta' Deniro Bugeja.

**PC 27 Alan Zahra** spjega illi nhar il-15 ta' Mejju, 2018 flimkien ma PS 1326 marru fi Triq il-Kappucicni Zabbar fejn joqghod Bugeja li gharaf fl-awla. PS 1326 gharrfu bid-drittijiet tieghu u bl-arrest. Xehed u gharaf il-firma tieghu fuq id-dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali minn Bugeja. Hu gharaf ukoll il-firem relattivi. Ikkonferma illi Bugeja kkopera bi shih mal-pulizija.

**PS 1326 Roy Sciberras** xehed li nhar il-15 ta' Mejju, 2018 kienu ircevew rapport mill-Agenzija Appogg li kien hemm tfajla ta' hmistax-il sena bl-isem ta' Omissis li bdiet tallega li giet stuprata. Kien mar ghall-arrest ta' Deniro Bugeja fi Triq il-Kappucini, Zabbar. Muri d-dokument a fol. 10 tal-atti jghid li dan hu l-audio visual tal-istatement u li l-kitba ta' fuq id-disc kienet tieghu. Id-dokument a fol 3 huwa r- rinunzja ghad-dritt tal-avukat. Il-konsegwenzi legali kienu gew spjegati lil Deniro u cioe' qallu li kien qieghed jigi arrestat fuq stupru. Ikkonferma li Bugeja kkopera bi shih maghhom.

**WPC 365 (Illum PS 2365) Edith Borg** xehdet u qalet li kienet giet appuntata bhala espert tal-fotografija dwar l-allegat stupru fuq Omissis ID no 338902. Nhar il-15 ta' Mejju, marret Mater Dei flimkien ma WPC 278, social worker, it-tabib u l-vittma Omissis. Hi hadet ir-ritratti hekk kif inghatat l-istruzzjonijiet mit-tabib. Hija

kkonfermat ir-rapport taghha li gie markat bhala dok ED1.[1] Ikkonfermat illi d-data korretta fuq ir-rapport hija dik tal-15 ta' Mejju.

**Dr. Stephen Farrugia Sacco** xehed fl-4 ta' Dicembru, 2018 u darb'ohra waqt is-smiegh tal-guri jghid li kien gie nominat biex jezamina mobile phone li hu mmarkat bhala Dok AB1 u sabiex jirrelata dwar komunikazzjoni, telefonati, messaggi u social media li kien hemm bejn l-akkuzat u l-parte civile Omissis. Kien hemm xi rizultanzi, fid-dokument wara li ghamel search b'certu keywords. Huwa kkonferma r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok SFS1 a fol. 168 tal-process. A fol. 254 ikkonferma rapport iehor tieghu. Il-mobile phone li ghamel referenza ghalih gabru minghand Graziella Abela bhala deputat registratur. Hu gharaf ukoll ic-cellulari li gie muri l-Qorti u hu l-istess wiehed illi hu ezamina.

In kontro-ezami kkonferma illi hu gie moghti mobile phone wiehed.

**Marcon Camilleri** spjegat illi kienet duty dakinhar meta tahdem l-Appogg. Qalet li kienet qed takkompnaja s-social worker bl-isem ta' Kathleen ta' l-iskola San Benedittu meta rcevew ir-rapport dwar minuri li kien jisimha Omissis u li kien hemm guvni li stupraha. Huma marru flimkien id-depot u tiftakar li l-minuri kienet qed titkellem mieghu bil-messaggi, u li wara li ltaqghu giet stuprata. Kienu telghu fil-kamra tieghu u fuq is-sodda sforza ruhu bis-salvagg maghha. Ghamlu affarijiet li qatt ma kienu ghamlu qabel. Qatt ma ratu salvagg daqshekk. Kien isemma xi sess minn wara, izda s'hemm tiftakar. Meta qed tghid il-kelma sess hi tifhem penetration. Hija akkompanjat lil Omissis l-isptar Mater Dei. Kienu taw ukoll l-iswabs u l-underwear u kien mar ghaliha missierha l-appogg. Hi tiftakar li l-guvni kien jismu Deniro. Omissis qaltilha li ma tiftakarx li hi qatt ma ratu hekk. Deniro ried jaghmel intercourse u hi ma riditx u baqa' jisforza. Hi ma riditx ikollha x'taqsam mieghu dakinhar u hu baqa' jisforza u ghamel sess salvagg maghha. Ma tiftakarx li t-tabiba kienet Dr. Vella. Ma tiftakarx lit-tabiba titkellem fuq griehi. Tghid li ghadda hafna zmien u hi m'ghadhiex

[1] Fol. 195 tal-atti.

tahdem hemm u m'ghandhiex access ghal file taghha llum il-gurnata. Hi kienet tahdem mal-'looked after children' u Omissis kienet taht care order. Kienet taht care order ghal ragunijiet familjari izda d-dettalji ma tiftakarhomx. Kienu cemplulhom mill-iskola, ma tafx jekk hux is-surmast jew xi teacher. Hi nzertat kienet duty u akkumpanjat lis-social worker Kathleen. Omissis lilhom qaltilhom l-istess affarijiet li kienet qalet l-iskola u l-istess affarijiet li qalet lill-ispettur.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet u kkonfermat li kienet giet nominata fl-atti tal-inkjesta bhala espert fid-DNA. Hija gharfet ir-rapport taghha esebit fl-atti u markat bhala dok MC[2] fol. 132 tal-process. Hija kkonfermat ir-rapport taghha u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li mill-kampjuni intimi tal-vittma Low Vaginal, High vaginal u Vaginal wash hareg profil genetiku tal-vittma. Mill-kampjun intimu Anal Swab hareg profil genetiku parzjali li jaqbel mal-vittma.

Mill-qalziet ta' taht u mid-difer tal-vittma, hareg profil genetiku tal-vittma. Mill-kampjun intimu Endocervical swab hareg profil genetifku imhallat fejn il-kontributur principali huwa l-vittma. Izda kien hemm xi elis li mhux taghha. Mill-vulval swab ma hareg l-ebda profil genetiku u anqas mill-hwejjeg.

Illi in segwitu giet nominata biex tigbor kampjun orali tal-akkuzat u nhar is-7 ta' Jannar, 2020 stqarret li kellha taghmel komparazzjoni bejn il-profil genetiku tal-akkuzat u l-profil genetiku li kienu hargu mill-kampjuni li gew mghoddija lilha. Qalet li ma kien hemm xejn jaqbel mal-profil genetiku tal-akkuzat. Hija pprezentat ir-rapport taghha li gie markat bhala dok MC2[3]. Mil-acid phospitates ma tistax tikkonferma li kien hemm profil genetiku ta' ragel u dan stante li bid-DNA biss jista' jsir dan. Il-hwejjeg gew mghoddija lilha mill-Ispettur u meta pprezentat ir-rapport taghha, ipprezentathom mieghu. Mill-konkluzjonijiet taghha ma sabitx profil genetiku ta' Deniro Bugeja fuq is-samples li analizzat hi. Fuq il-hwejjeg ma jidhirx li

[2] Fol. 132 tal-process
[3] Fol. 272 tal-atti tal-process

kien hemm xi ticrit. Fil-qalziet ta' taht t'isfel kien hemm weak sample ta' acid phosphate izda semen ma nstabx.

**Ruth Spiteri**, xehdet illi hi guidance teacher fl-iskola San Benedittu Hal Kirkop. Xehdet nhar l-4 t' Ottubru 2018 u darb'ohra fil-guri. Tiftakar li kien it-Tlieta 15 ta' Mejju 2018 u marret Omissis flimkien ma ohtha. Tghid li kienet tafhom minn qabel peress li l-kaz taghhom hu wiehed socjali. Tghid li kellhom kunfidenza maghha. Din qaltilha li lejliet kellha esperjenza ta' stupru. Din qaltilha li jum it-Tnejn kienet irceviet telefonata u harget barra tiltaqa' mal-persuna li cemplitilha ghax hasbet li kien haddiehor u rat lill-akkuzat li deher irrabjat maghha ghaliex kienet qed tibghat il-messaggi. Hu mar gabarha mid-dar tan-nanna taghha fil-Fgura. Tghid li qaltilha li dahlet fil-karozza u hadha gewwa dar ix-Xghajra ta' Haz-Zabbar. Huma u telghin it-tarag, bdiet tibza u hu beda jimbuttaha. Telghu fuq u kien aggressiv hafna maghha. Hi urietu li ma riditx ikollha x'taqsam mieghu u stupraha. Hu ried jippenetra minn wara u hi ma riditx. Hu egakola gewwa ghax wara qalilha "mur bennen". Din il-penetrazzjoni ta' wara kienet gia semmitilha imma ma staqsitx iktar dettalji ta' x'gara qabel. Hija kienet tafdaha hafna ghax ohtha li kienet fl-iskola qabilha, kienet tafdaha hafna. Kellha relazzjoni tajba maghha.

In kontro-ezami qalet illi bhala skola ma setghux jiccekjaw bl-ebda mod jekk ir-rapport kienx veritier jew le. Hi ma setghetx tindaga ulterjorment u qabdet u rrapurtat lis-Surmast u lid-Direttur li tiehu hsieb il-guidance. Wara din il-konfessjoni ma regghetx kellmitha Omissis fuq dan il-kaz. Dakinhar, l-intenzjoni ta' Omissis ma kienitx li tkompli bil-proceduri izda hi sintendi kellha tirraporta.

**Kathleen Sciberras** kienet tahdem bhala haddiema socjali fis-section *tal-'looked after children.'* Omissis kienet taht ordni tal-harsien u dak iz-zmien kellha sittax-il sena fis-sena 2018. Il-care order kienet inharget favuriha u favur ohtha ghaliex kien hemm abbuz ta' droga mill-genituri u anke vjolenza domestika. Kienu cemplu mill-iskola ta' Hal Kirkop fejn il-minuri allegat illi lejliet giet abbuzata mill-boyfriend taghha. Marru

ghaliha u minn hemmhekk marru l-vice squad. Prezenti hemm ma tiftakarx ezatt min kien hemm. It-tifla qalet illi r-relazzjoni li kellha ma Deniro kienet spiccat. Ma kienitx relazzjoni twila, ta' ftit xhur. Omissis baqghet tibghatlu biex tizzikah, hu kien cemplilha rrabjat u ltaqghu u hadha d-dar tieghu. Ma tiftakarx fejn Omissis qaltilha li kienu ltaqghu. Taf li Omissis u Bugeja telghu fil-kamra tas-sodda tieghu fejn ghalaq il-bieb, tefaghha fuq is-sodda u kellu x'jaqsam maghha. Omissis qaltlu le. Hi tiftakar li qaltilhom li hu beda jghidilha 'ha nurik biex tieqaf tibghat messaggi' u li ried ikollu x'jaqsam maghha b'mod anali. Il-minuri bdiet tghidlu le ghax bdiet twegga'. Hu lesta go halqha. Wara dan id-diskors, hadu lill-minuri l-isptar. Ix-xhud spjegat li Omissis qaltilha li Bugeja kien vera rrabjat maghha, li kien beda jgholli lehnu u jimbuttaha fuq is-sodda u jzommha fuq is-sodda. Taf li t-tabiba kienet qalet li kien hemm sinjali ta' sess anali zgur. Hi kienet spjegatilhom li Deniro kien il-boyfriend taghha. Ma tafx dettalji ta' x'kienu jaghmlu qabel. Ikkonfermat l-Ordni tal-harsien tal-minuri ipprezentat minnha. Sussegwentament kienet regghet iltaqghet mal-minuri u kienet semmiet illi hi xtaqet twaqqa' l-akkuzi u kienu spjegawlha li la hi kienet b'care order ma setghux jaghmlu dan. Omissis qaltilha li ma tridx iggib lil Bugeja fl-inkwiet ghax kienet ghadha thobbu.

In kontro-ezami tikkonferma illi kienet ilha ssegwi lil minuri ghal madwar sentejn. Sa dakinhar ma kienitx ghadha semghet b' Deniro izda semmitilha relazzjonijiet ohrajn li kellha u anke li dawn kienu intimi. It-tifla mhux dejjem kienet tghidilha kollox. Gieli per ezempju kienet tghidilha ohtha li gieli tohrog u anke l-missier kien qalilha li tohrog minghajr il-permess tieghu. Il-kaz tal-minuri llum maghluq minn meta giet revokata l-ordni tal-harsien. Ma tistax twiegeb la iva u lanqas le, li gieli gidbitilha. Spjegatilha sabiex ma tikkuntattja lil hadd wara li hareg ir-rapport ghax irrizulta li kienet ikkomunikat mieghu u mat-tfajla li kellu. Qalet li l-allegat vittma kienet migbuda hafna lejh u kellha certu emozzjonijiet. Il-gibda lejh baqghet zgur. Bdiet tghid li ghadha thobbu u ma tridx ggibu fl-inkwiet u illi jista' jkun l-istatement taghha kien 'jista' jkun li gdibt'. Wara li spjegawlha, li jista' jkun hemm kemm riperkussjonijiet fuqha u kemm fuqu, hi ma baqghetx tinsisti dan u qalet li ghadha thobbu u ma tridux

imur il-habs. Hi nfurmat lis-Superjuri taghha dwar dan. Ma tafx li xi hadd mis-Superjuri taghha kellmu lill-minuri. Sakemm damet issegwi lit-tifla regghet sostniet maghha sabiex hi tghid il-verita'. Ma tafx li kienet ikkomunikat m'omm it-tfal ta' Deniro.

**WPC 278 Sherona Buhagiar** xehdet u stqarret li nhar il-15 ta' Mejju 2018 ghall-habta tat-3.30 p.m, waqt li kienet xoghol irceviet telefonata mic-child protection unit mis-social worker Kathleen Sciberras fejn gew infurmati li Omissis minuri stqarret li giet stuprata minn certu Deniro Bugeja. Tghid li in segwitu l-minuri flimkien mas-social worker marru d-depot. Semghet lil minuri tghid li kellha relazzjoni mal-akkuzat f'Settembru 2017. Matul is-sena 2018 regghu bdew jikkomunikaw flimkien. Din qalet li waqt ir-relazzjoni kellha x' taqsam mal-akkuzat ghal dabtejn. Tghid ukoll li waqt din ir-relazzjoni kienet taf li kien qed ikellem tfajla ohra u kienet tibghatlu u kien ikollhom xi jghidu proprja minhabba f'hekk.

Wara ghaddiet biex tispjega x'kien gralha lejliet. Qalet li kienet irceviet telefonata b'vuci maskili li qalilha biex tkun lesta ghaliex kien ser jghaddi ghaliha. Din il-persuna waslet u qallha biex tinzel u appena nizlet sabet lill-akkuzat. Dan ma kienx il-persuna li hasbet li ser tiltaqa' mieghu. Qalet li dahlet fil-karozza u dan saq ghar-residenza ta' ommu f'Haz-Zabbar. Kif dahlet, hassitha konfuza u x'hin waqfet tahseb dan imbuttaha u wara qalilha biex tinza u hi rrifjutat u imbaghad nezzalha l-hwejjeg u qalet li kellhom x'jaqsmu ma xulxin kemm fil-warrani kif ukoll minn quddiem. Qalet li waqt l-att ma waqfitx tibki ghaliex ma riditx. Qalet li kellha taghmel ukoll *oral* sex mieghu kontra r-rieda taghha u spicca egakola f'halqha. Qalet li waqt dawn l-atti taha daqqa go wiccha u qabadha minn ghonqa. Hija flimkien mas-social workers marru flimkien mal-minuri Mater Dei sabiex din tigi ezaminata minn Dr. Mignonne Vella fejn hadet xi swabs u hi ghaddiethom lill-Ispettur Spiteri. Il-Pulizija tal-forensika hadu wkoll xi ritratti skond il-procedura. Ma tiftakarx kif kienet il-komportament tal-vittma imma tiftakar li kienet imbikkma.

**Omissis** xehdet illi fl-14 ta' Mejju 2018 kienet qeghda d-dar tan-nanna gewwa l-Fgura u ghal habta ta' 8.00 p.m. rceviet telefonata bil-private u wiegbet. Hi m'gharfitx li kien Deniro. Il-persuna fuq it-telefon qalilha 'kwart ohra kun lesta'. Tghid li ma gharfitx lill-akkuzat u hasbet li kien habib taghha Brendon ghax kienet ghadha kemm iggieldet mal-habib u hasbitu hu. Kif harget, rat lill-akkuzat. Kienu naqra miggieldin ghax beda johrog ma wahda Royelle u bdiet tibghatilha. Huma bdew jitkellmu fuq Facebook u ghamlu xi tlett xhur johorgu flimkien. Qisu minn Settembru 2017 u sa ftit inqas mill-Milied. Meta bdiet tohrog mieghu kellha erbatax-il sena. Xtaqitu jigi ghall-ikla tal-birthday izda missierha ma ridux minhabba l-familja tieghu u n-name hazin tieghu. Hi kienet qaltlu bl-eta' taghha. Huma meta kienu f'relazzjoni kienu jmorru flimkien b'mod konsenswali. Tghid li fil-verita' qatt ma qatghu kompletament u komplew jitkellmu fuq il-mobile. Tghid li kien fil-karozza BMW sewda fil-kantuniera u dahlet fil-karozza u appena dahlet fil-karozza hadilha l-mobile. Hu kien irrabjat ghax kienet qed tibghat lil Royelle.

Tkompli tghid li wara li kien hadilha l-mobile marru Wied il-Ghajn ghac-cwievet u saq ghad-dar tieghu Haz-Zabbar u dan wara li kienu damu jitghajru fil-karozza ghaliex kien beda johrog ma mara ohra. Hi dahlet warajh fid-dar, hu tela' l-ewwel. Kienu qed jiggieldu imma ma kienx qed izommha. Dahlu fil-kamra u qalilha biex tinza u ma riditx. Imbuttaha fuq is-sodda, tela' fuqha, beda jtiha fuq wiccha, jzommha minn ghonqha, bdiet tibki u timbuttah. Qalilha li hekk toghgbu, mara tissawwat u hekk qed turih kemm hi mara. Hu kien irrabjat u kellhom x'jaqsmu wkoll minn wara. Kienet l-ewwel darba u bdiet tibza. Beda jghidilha 'naf li m'intx tiehu pjacir' u dawwarha, beda jigbidha minn xaghrha. Is-soltu ma kienx ikun hekk. Hu kompla, u hi ma waqfitx tibki. Hu lesta go halqha u qalilha sabiex taghmel il-password tal-mobile u hassar il-messaggi tal-mobile u r-ritratti li kellhom flimkien u taha l-mobile lura. Hu libes u hareg mill-kamra. Hi nizlet u kien hemm ommu fejn it-tarag isfel u saqsitu hux ok. Hi ratha li mhux ok. Hu wassalha nofs triq u wara cemplilha biex jara waslitx. Hi ma felhitx tkellmu meta hu egakula f'halqha. Waqt dan kollu hi ma tafx fejn hu ghamel il-mobile taghha. Fil-karozza, ma tkellmux ghax daqqlu l-mobile u ma

tafx min cempillu. Ma kienitx l-ewwel darba li kellhom xi jghidu ghax hi baghtet lit-tfajla tieghu. Hi bdiet timbuttah u bdiet tibki biex turih li ma tridx. Hi kienet ghadha thobbu u kienet tghir ghalih. Dakinhar kien qisu mignun, qabel meta marru flimkien dejjem normali kien mhux isawwatha. Gieli qabadha naqra minn xaghrha imma daqshekk. Hi kellha hmistax-il sena meta dan kollu sar. Hi qalet li mhux se thallat lil Deniro ma Brendon, ghalhekk rikbet mieghu. Hu kien fuqha u bdiet tghajjat u twerzaq u tibki imma hadd ma gie. Ghax hi l-kamra tieghu fuq. Ma uzawx protezzjoni waqt l-att. Damu madwar ghaxar minuti. Imbghad waqqafha Bormla u mxiet sad-dar. Hi tkellmet ma' Ms. Ruth il-guidance teacher tal-iskola taghha fil-Kullegg San Benedittu. Hi kellha relazzjoni tajba ma din il-guidance teacher. Lill-missierha ma kienitx qaltlu u lil ommha ma tarahiex. Hi ghandha relazzjoni tajba ma' missierha u hutha. Ms Ruth kienet qaltilha li ma setghetx ma tirraportax. Marru d-depot u wara marru l-isptar fejn kienet ezaminata mit-tabiba u anke hadulha xi ritratti. Kellha s-social worker Kathleen li kienet qed issegwiha ghax kienet b'care oder. Kellha relazzjoni tajba maghha wkoll. Dwar dan kienet kellmitha u kienet qaltilha li ma riditx iddahhal lil Deniro fl-inkwiet, kienet izghar u hekk kienet tahsibha. Wara dan l-incident kienet kellmitu. M'ilux kellimha 'minn ta' zitu' u qalilha sabiex tmur ghand l-Avukata biex tmur u twaqqa' l-kaz. Hi marret l-isptar l-ghada tal-incident. Hi baqghet issostni li ma riditx iggibu fl-inkwiet ghax ta' zghira li kienet tant kemm kienet iffisata li ma bdietx tara lilha izda bdiet tara lilu. Illum il-gurnata hi tghix ma missierha. Tant kemm kienet iffisata fuqu, hu kien ikellimha bi skop wiehed biex tahfirlu ghax fil-verita' ma jhobbhiex. Gieli qabbadha tibghat messaggi lil zitu fejn hi tghid li qed tigdeb. Kugintu Shakira kienet tghidilha li m'ghandhiex xi tridu.

In kontro-ezami tghid illi dakinhar kienet miggielda ma Brendan imma ma tafx ezatt ghala. Dak il-hin li rikbet, hu hadilha l-mobile. Fil-karozza hadilha s-sim card u qieghdu fuq is-seat ta' wara. Hi tghid li hu kien qalilha li kien tilef ic-cavetta imma ma qalilhiex ta' fejn. Hu kien qalilha li kellha tinsih u thallih bi kwietu. Izda hu wahdu kien jibghatilha. Meta kien johrog ma xi hadd kienet tidhol tibghatila biex ma tibghatlux, ghax dak taghha. Hi kienet tibghat lil Royelle l-iktar imma jista' jkun li

hemm tfajla ohra. Wara l-incident ma baqghetx tibghat lit-tfajliet l-ohra. Wara l-incident regghu ltaqghu. Kienet tmur tajjeb ma familtu imma wara l-incident le. La kienu qed jiggieldu m'assumietx li jekk timxi warajh ha jkollhom x'jaqsmu flimkien. Il-kamra tieghu kellha gallarija qisha terazzin. Bieb tal-aluminium bil-purtieri. Hi qalet li dakinhar tal-14 ta' Mejju qalghet daqqiet f'wiccha bic-catt u meta qabadha minn ghonqha ghafasha naqra. Kien aggressiv meta gibdilha xaghrha biex iweggahha u bdiet tibki. Beda jghidilha li jaf li mhux tiehu pjacir u hi qas bdiet titkellem, tibki biss. Hu ghamel maghha minn wara u dawwarha u kompla minn quddiem. Hu nehhilha l-qalziet u l-panty izda l-flokk ma nehhihuliex. Apparti, mbuttatu, ma kienx hemm xi mod iehor kif setghet tiddefendi ruhha. Meta bdiet tinbuttah beda jigbdilha xaghrha u jissussha mas-sodda. Huwa minnu li wara dan l-incident ghamlet tpingija b'ismu fuq gisimha. Hi kienet irrabjata u mwegga b'dan l-incident. Ma tistax tghid li ma baqghetx thobbu. Quddiem il-Magistrat kienet ghadha friska u ghalhekk qalet li ma kinietx ghadha thobbu. Jista' jkun li qaltilha hekk. Kienet imwegga' u rrabjata ghax hassrilha l-messaggi u r-ritratti. Instagram m'ghandhiex illum il-gurnata ghax gharusa, ghax ghadu miftuh imma ma tuzahx. Dan l-account kienet ghamlitu wara l-incident meta regghet bdiet tohrog mieghu. Dak iz-zmien kellu lilha, lil Royelle u tfajla ohra. Deniro beda juza lilha biex hu jkollu x'juri l-Qorti li speci hi dejjem tiffittah u hekk. Kienu jitkellmu fuq messenger u gieli marret hdejh il-hanut ghax kienu jahdmu fl-istess triq. Hu kien jghidilha sabiex tistennih hemm fil-komun taz-zija tieghu. Iz-ziju tieghu taha daqqa' ghax qal li hasibha fatat. Hu lil familtu kien jghidilhom li hi tiffittah mentri fil-verita' anke hu kien jiffittaha bil-mobile. Kulhadd kien jghidilha biex ma tkellmux, anke kugintu Shakira. F'Novembru 2018, il-pulizija kienu sabuha fil-vicinanzi tad-dar ta' Deniro u kienu keccewha minn hemm. Familtha kienu jafu li hi u Deniro kienu baqghu jitkellmu. Lil Deniro hi kienet dejjem tipprova tattilu. Lis-social worker ma kienitx tahbilha jew tigdeb.

Dakinhar tal-incident hi qalet li bdiet tibki tghajjat. Il-kamra tieghu faccata tal-kuritur ta' fuq. Hi meta rat lil ommu saqsietha hux ok imma hi baqghet hierga l-barra. Qabel l-incident hi kellha x'taqsam ma' Deniro kwazi kuljum. Qabel l-incident hi qatt ma

hedditu. In-numri li hi kellha huma 79236893 u 77357924. Kien hemm zmien li kellha numru u zmien li kellha numru iehor. Tiftakar li qabel l-incident kienet tibghatlu li hi ghadha tridu u izda qatt ma stidnitu sabiex ikollhom x'jaqsmu flimkien. Qas qatt ma marret hi fuqu biex jaghmlu ghax hi tisthi. Ma tafx li baghtitlu messaggi biex jaghmluha ta' teacher u l-istudent. Gieli baghtitlu biex jiltaqghu. Qatt ma hedditu. Hu kellu breakdown f'mohhu u gieli cemplilha wkoll. Mistoqsija tiftakarx li kienet tant iddejqu li sahansitra kien jibghatilha messaggi oxxeni sahansitra sabiex thallih, qalet iva jista' jkunu b'referenza ghal Royelle. Kienet tghajjarha lil Royelle mignuna jew hoxna ghax kienet toqghod titfa ritratti b'bicca minnu tidher, imma hi ma kienitx taf ghax ma kienx jghidilha. Hu lilha kien ipengiha kerha ma kulhadd. Hi tammetti illi gieli offendietu. Bil-kliem 'Dan kollu trid tpattih' hi tghid li ma kienitx ser tpattihielu vera. Kien anke jitlobha l-flus u kienet tghaddielu l-flus. Qatt ma taha flus u qatt ma talbitu. Gieli hargu jieklu u kien ihallas jew gieli xtralha card tal-mobile izda daqshekk. Ta' spiss kienet titfa' posts fuq il-midja socjali li hu kien taghha u ma jkunx ta' haddiehor.

**Dr. Mignone Vella** xehdet u kkonfermat li kienet giet nominata fl-atti tal-inkjesta fil-kapacita taghha ta' Ginekologa. Hija spjegat dak li qaltilha Omissis waqt l-ezami u cioe' li kienet giet stuprata lejliet nhar l-14 ta' Mejju u sostniet illi l-aggressur taghha kien vjolenti u kellu mgieba aggressiva. Qalet illi l-kwerelanti spjegatilha illi dan zammha minn wiccha, qabadha minn ghonqha u kien aggressiv waqt l-att sesswali tieghu. Spjegat illi l-allegat vittma qaltilha li kellha penetrazzjoni fl-anus u vaginali u anke fil-halq. Qalet li fl-ezami ta' anus ma kien hemm l-ebda evidenza ta' tigrif u ticrit f'dak il-post. Qalet li hi ordnat li l-kwerelanti sabiex tiehu l-morning after pill minhabba possibilta' ta' tqala u rreferita l-GU clinic minhabba trasmissjoni ta' mard sesswali. Hi gharfet ir-rapport taghha esebit fl-atti.[4] Tghid li min dak in-nhar li ezaminat lill-vittma l'quddiem ma regghetx iltaqghet maghha. Tghid li mill-ezami li ghamlet fuq il-persuna tal-kwerelanti minn rasha sa saqajha ma sabet l-ebda marki salv ghal 4mm erythematous papular mark fuq in-naha tax-xelluq tal-ghonq. Ma kien

[4] Fol. 224 tal-atti processwali

hemm l-ebda tbengil waqt il vulval insepction. L-ebda tbengil jew qtugh ma gew nnutati fl-external female genitalia.  L-internal findings kienu ukoll intact.

WPC 278 giet mghoddija s-samples li kienet haditilha hi stess. In kontro-ezami giet riferuta ghal fol. 255 tal-process u tghid illi nnutat marka ta' 4 millimetri fuq l-ghonq li tista tkun marka ta' ghafsa meta jkun hemm demm taht il-gilda u l-gilda tkun maghfusa ghal tul ta' hin. Fil-halq u anke fil-partijiet l-ohrajn ma kienx hemm griehi ta' tbengil. Wara erbgha u ghoxrin siegha t-tbengil ikun ghadu hemm imma jekk ikun hemm xi girfa zghira tista' taghlaq. Il-marka t'ghonqha ma kienitx xi kundizzjoni tal-gilda bhal eczema. Il-marka ma kienitx tbengila izda tghafisa li tahtha jkun hemm demm migmugh. Kitbet normal vulva fil-final findings biex tenfasizza illi ma sabitx trauma. Hi ezaminat lil vittma 24 siegha wara u l-vittma kienet qaltilha li kienet rat ftit demm mill-warrani. Hi ma sabitx sinjal ta' trauma imma jekk il-grif ikun irqiq, jilhaq jaghlaq. La hi ma nhaslitx jista' jghin sabiex ikollhom rizultati iktar precizi. In-natural lubricants tal-bniedem ivarja b'fatturi bhal-eta' u stress. Jekk persuna ikun taht stress jipproduci inqas natural lubricants.

Il-Qorti rat illi x-xhieda ta' Graziella Abela li esebiet il-proces verbal quddiem l-Ewwel Qorti u x-xhud Eunice Grech Fiorini gew ezentati milli jaghtu x-xhieda taghhom. Il-Qorti rat il-verbal tat-8 ta' Marzu 2018 fejn id-difiza ddikjarat illi taqbel illi ma gie interpost l-ebda appell miz-zewg sentenzi esebiti fl-atti ta' dan il-process, fl-ismijiet il-Pulizija vs Deniro Bugeja, liema sentenzi nghataw nhar l-14 ta' Novembru 2015 u nhar id-19 t'April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat il-verbal tal-access mizmum nhar id-9 ta' Marzu 2022, fejn gie nnutat is-segwenti:

1. Il-fond fejn saru l-allegati akkuzi hu ntitolat 'Pisces' u jinsab fi Triq Kappuccini Zabbar;
2. Quddiem il-bieb principali tal-injam hemm bieb tal-aluminium;

3. Wara l-bieb principali hemm speci ta' ndana li twassal ghat-tarag li jaghti ghal fuq;
4. Fuq il-parti ta' wara tal-ground floor hemm 'kitchen/living';
5. Omissis prezenti waqt l-access ikkonfermat illi t-tarag ghal fuq kien ghadu l-istess kif kien dakinhar tal-allegat incident;
6. Il-kamra tas-sodda skond Omissis waqt l-access kienet dik li taghti ghat-triq principali, kamra tas-sodda mdaqqsa, bl-ebda bibien tal-aluminium pero ghandha maghha gallarija msaqqfa li taghti ghat-triq principali;
7. Omissis ikkonfermat illi l-allegati reati saru fl-istess kamra;
8. Fuq il-parti ta' wara tad-dar, propju fuq il-kitchen/living hemm kamra tas-sodda ohra wkoll mdaqqsa fejn hemm bieb tal-aluminium li jaghti ghall-gallarija mikxufa u li taghti ghal fuq gonna nterni ta' djar adjacenti;
9. Omissis ma kienitx f'pozizzjoni li tikkonferma li l-ghamara fil-kamra tas-sodda fejn sehhew l-allegati reati hix l-istess ghalkemm ikkonfermat illi l-pozizzjoni tas-sodda kienet l-istess;
10. Bejn l-intrata tad-dar u l-kamra tas-sodda fejn sehhew l-allegati reati hemm distanza konsiderevoli;
11. Il-parte civile u l-akkuzat jaqblu illi l-kamra tas-sodda li hemm fuq il-faccata tad-dar, kienet il-kamra tas-sodda fejn sehhew l-allegati reati.

**Rina Spiteri** xehdet waqt ic-celebrazzjoni tal-guri u qalet li hi z-zija tal-akkuzat. Hi tigi omm Shakira Bugeja u kienet ltaqghet ma' Omissis f'laqa' tal-iskola tat-tifla taghha f'Rahal Gdid f'Settembru 2018. Qabel dakinhar kienet tafha minn Facebook u taf li kienet tohrog ma Deniro. Dakinhar tal-laqgha, Omissis marret fuqhom u qaltilhom biex imorru jiehdu kafe'. Kienet qaltilha li xtaqet tkellimha fuq Deniro u x-xhud qaltilha sabiex tibghatlha Facebook. Baghtitilha *friend request* u accetatha dik il-gurnata stess. Hi bdiet tibghatilha mill-ewwel. Bdiet tibghatilha kwazi kuljum. Kienet ssaqsiha fuq Deniro u l-Qorti. Kienet taf li Omissis gabet lil Deniro fl-inkwiet. Deniro kien jghix max-xhud u wlieda dak iz-zmien. Gieli kienu jghixu mieghu wkoll it-tfal tieghu u bhala lokalita' kienu joqghodu Bormla. Kellu jitlaq milli jghix hemm ghax

kuljum Omissis kienet tmur wara l-bieb taghhom. Ix-xhud spjegat li kienet tinduna li Omissis kienet tkun hemm ghax il-kelba kienet tinbah u ghalhekk kienet tibghat messagg lil Deniro meta kien ikun hemm Omissis. Omissis dejjem kienet tkun mistohbija tant li z-ziju taghha George Degabriele darba fajrilha daqqa' ghax hasditu. Hi spiss innutatha wara l-bieb u Deniro kien jghidilha biex ma tifthilhiex u ma tkellimhiex. Hi taf li Deniro ghamel rapporti l-ghassa dwar dan.

Meta ltaqghu biex imorru jiehdu kafe', hi qaltilha li bdiet tibza minhabba l-kaz u Omissis kienet qaltilha li mhux se tghid lil hadd anqas lil ohtha. Hi qaltilha li zbaljat u li gidbet fuq Deniro. Dak il-hin ix-xhud issummat u Omissis qaltilha li t-teacher dawwret id-diskors. Hi kienet qaltilha biex tkellem lil pulizija jew tmur ghand avukat. Omissis wegbitha li kienet ghadha taht l-eta' u missierha ma ridhiex imur maghha.

Meta sussegwentament Omissis kienet tghidilha biex tkellem lil Deniro, hi bdiet thossha mhedda ghax kienet tghidilha l-kliem jekk mhux ser ikellimha kienet ser taghmel wahda minn taghha. Deniro kien jghidilha li ma jridx ikellem lil Omissis u hi kienet tghidilha b'dan. B'referenza ghac-*chatlog* ta' bejnha u bejn Omissis hi qalet illi sakemm riedet xi haga minn ghandha hi kienet ok, imma mbghad meta bdiet tara li Deniro ma riedx ikellimha nbidlet. Darba minnhom qaltilha sabiex Deniro jlesti ruhu u rreferiet ghalih bhala 'annimal' u 'muntun'.

Deniro kwazi gurnata kollha jahdem u hi tasal qablu d-dar. Hi qatt ma semghet diskors bejn Deniro u Omissis. Omissis kienet tmur il-hanut fejn jahdem Deniro u hi taf dan ghax kien jghidilha Deniro stess. Tinsisti li Omissis baqghet iffissata fuq Deniro u kemm il-darba skuzat ruhha li ghamlet zball li ghamlitlu hekk ghax biezel u jahdem ghat-tfal. Kienet sahansitra tghid lil Omissis sabiex tiftah mohhha u thallih. Kienet qed iggibilhom hafna trouble. Hi kienet tirvilla meta hu kien ikollu tfajla ohra u Omissis kienet tibghatilha messaggi u tghidilha li ser taghmel xi wahda. Ma riditx li tfajla ohra tidhol fin-nofs.

Sussegwentament, ix-xhud taf li Omissis kienet f'relazzjoni ma' Fredrick Dalli maghruf bhala tal-Omissis u dak iz-zmien kienet ikkalmat. Fredrick ta' mparha u hi ghandha 39. Apparti dan, Omissis kienet ukoll ma persuna ohra ikbar sew minnha fl-eta'. Illum il-gurnata Omissis qeghda man-neputi ta' Fredrick u qalatilhom hafna inkwiet fil-familja.

Murija l-konversazzjonijiet fuq il-Facebook esebiti fl-atti, ix-xhud ikkonfermat li dawn kienu komunikazzjoni bejnha u bejn Omissis. Lil bintha Shakira kienet baghtitilha messagg twil hafna u l-kontenut kien jinkludi li gidbet fuq Deniro u li qed tiskuza ruhha u li tixtieq tara lilhom. Murija l-istess messagg fuq il-pedana tax-xhieda hi kkonfermat li hu l-istess messagg li gie muri lilha minn Shakira. Ikkonfermat iktar messaggi li jindikaw l-interess persistenti ta' Omissis fuq Deniro, liema messaggi gew mibghuta lilha b'mod ripettitiv.

In kontro-ezami, bil-gurament, hi qalet li ltaqghet ma Omissis f'laqa' tal-iskola meta t-tfal jibdew l-iskola. Ma setghetx tikkonferma li x-xahar kien Settembru, minkejja li fix-xhieda principali taghha kienet semmiet li ltaqghet ma Omissis fix-xahar ta' Settembru.

Mistoqsija jekk rcevietx messagg minghand Omissis f'Mejju 2018 qalet li x-xahar ma kienitx certa fuqu. F'dan l-istadju qalet li setghet iltaqghet maghha qabel Settembru 2018. Ikkonfermat pero li kienet Omissis li baghtitilha l-ewwel u ziedet tghid ukoll li Omissis kellha hafna Facebook accounts. Tikkonferma illi l-messaggi kitbithom hi u mhux Deniro. Kienet iltaqghet ma Omissis u qaltilha li jiddispjaciha u talbitha l-ghajnuna.

Ix-xhud qaltilha biex tmur tkellem lill-Ispettur jew tqabbad Avukat.  Ma tiftakarx li qaltilha sabiex tmur ghand Avukat partikolari. Ikkonfermat illi Omissis lilha qaltilha li gidbet u fl-i*screen shot* li kienet baghtitilha u li Omissis kienet qed tirreferi li l-akkuzat weggahha ghax kellu tfajla ohra u mhux minhabba l-kaz. Enfasizzat illi meta Omissis

ma tiehux dak li trid, din kienet thossha qed theddidha. Omissis qatt ma dahlet gewwa fid-dar taghhom u Deniro u Omissis qatt ma kienu flimkien wara l-kaz. Meta kienu gharajjes kienu jixtru affarijiet lil xulxin u wara li hassru Omissis kienet tivvinta kull skuza biex tikkommunika ma Deniro. Meta Deniro kien ikun id-dar kienet turih minn fuq il-mobile Omissis x'kienet tibghatilha. Meta Deniro ma kienx ikun id-dar kienet tibghatlu screenshot ta' dawn il-konversazzjonijiet. Mistoqsija kif din qaltilha biex tmur gym maghha meta din kienet qalatilhom hafna nkwiet, hi wiegbet li Omissis ma kellha l-hadd u kienet tfittex hafna lilha u lit-tifla taghha. Biex qaltilha dan il-kliem jista' jkun li kienet cemplitilha qabel.

**Franklin Calleja** bhala Direttur tar-Registru Kriminali pprezenta kopja tal-process ta' procedura sommarja fil-konfront ta' Omissis quddiem il-Magistrat Charmaine Galea anness bhala Dok FC. Irrizulta minn ezami tal-istess li Omissis kienet giet imressqa l-Qorti u akkuzata b'uzu mhux xieraq ta' network u talli nsulentat jew ingurjat lil Rodianne Bongailas. Illi pero' jirrizulta mill-verbal tal-10 ta' Dicembru, 2019 li wara li Omissis iddikjarat li ma kienitx ser idejjaq lil kwerelanti, l-istess kwerelanti ddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront ta' Omissis u l-Qorti ddikjarat il-proceddiment ezawrit.

**L-Ispettur John Spiteri** xehed illi ser ikun qed jipprezenta rapporti li Deniro Bugeja kien ghamel fil-konfront ta' Omissis u dawn gew immarkati bhala Dok JS1 sa JS7. Hu kkonferma li Deniro Bugeja msemmi f'tali rapporti hu l-istess Deniro Bugeja li jinsab akkuzat f'din il-kawza. Minn ezami ta' dawn ir-rapporti jirrizulta li Deniro Bugeja kien irraporta diversi drabi lil Omissis li hija kienet qeghda tmur fuq il-post tax-xoghol tieghu biex tkellmu waqt li hu kien qed igawdi mill-liberta' provvizorja. In oltre jirrizulta wkoll li f'dan l-istess perjodu, hija kienet qed tibatlu l-messaggi fuq messanger u Instagram sabiex tkun tista' tkellmu. Kien hemm incident ukoll li sahansitra Omissis baghtet messagg liz-zija ta' Deniro Bugeja sabiex isaqsiha min kienet l-gharusa ta' Deniro.

**Shakira Bugeja** xehdet u qalet li Deniro hu kugin taghha u Rina Spiteri hi ommha. Gharfet u kkonfermat ic-chat ta' bejnha u bejn Omissis esebiti a fol. 678 ta' Dok DB5. Tinnega illi l-messaggi li baghatet Omissis kienu dettati minn Deniro. Ikkonfermat illi lil Omissis kienet tafha mill-iskola izda dan kien l-ewwel messagg li hi u Omissis kienu skambjaw.

**Lucia Pullicino** tghid li hi ghandha hanut tal-iSphinx fil-Fgura li hija pastizzerija. Tispjega li ftit snin ilu Deniro Bugeja kien jahdem maghha u fil-hanut kellha s-CCTV cameras. Hi kienet tara l-cameras mid-dar u kienet tinnota li kien ikun hemm tfajla. Hi kienet tara li din it-tfajla taghmel hin fit-tul hemm hekk. Din grat hafna drabi kwazi kull meta kien ikun xoghol. Deniro kien qalilha li ma setax jehles minnha. Deniro kien talabha l-filmati u qaltlu li kienet ser tghaddihomlu. Deniro kien qalilha b'kollox u cioe' li din it-tfajla bdiet tghid li kien stupraha. Ikkonfermat l-istills esebit bhala Dok DB 8 u li kienu nizzluhom hi u t-tifla taghha mis-sistema taghha. Tenfasizza li din it-tfajla kienet tmur spiss. Kwazi kwazi kull darba li kien ikun xoghol kienet taraha hemm. Irrimarkat ukoll illi darba l-akkuzat kien arrestat u meta hareg mill-habs regghet dahlitu jahdem maghha ghax qatt ma rat ghajn hazina minnu. Mistoqsija f'liema perjodu kienet tara lil din it-tfajla fil-hanut taghha, tghid li dan kien iz-zmien wara li Deniro Bugeja rega beda jahdem maghha wara li kien arrestat fuq allegazzjonijiet konnessi ma din l-istess tfajla.

**Ikkunsidrat,**

Illi in breve f'din il-kawza jirrizulta illi l-parte civile Omissis kellha relazzjoni ma l-akkuzat ghal perjodu ta' cirka tlett xhur li bdew f'Settembru 2017, ftit qabel ma Omissis ghalqet hmistax-il sena. M'hemmx dubbju illi din Omissis kellha fissazzjoni qawwija jew ahjar ossessjoni fuq dan Deniro Bugeja u cioe' l-akkuzat, kemm waqt ir-relazzjoni taghhom, kif ukoll ghal zmien konsiderevoli wara li ntemmet din l-istess relazzjoni. Huwa ndubitat illi verament Omissis holqot diversi problemi ghal Deniro Bugeja, kemm ma familtu u ma diversi nisa li huwa kien jiffrekwenta. Dan bhala fatt huwa ammess kemm mill-akkuzat stess fl-istqarrija minnu rilaxxata a tempo vergine

tal-investigazzjoni, kif ukoll minn zitu Rina Spiteri, il-guidance teacher Ruth Spiteri, is-social worker Kathleen Sciberras, l-Ufficjal Investigattiv John Spiteri u sahansitra anke mill-istess Omissis. Mhux hekk biss imma anke dan il-fatt huwa ben provat mid-diversi dokumenti esebiti, fosthom ic-chats tal-istess Omissis ma certu nisa inter alia ma' Rodianne Bongailas u mal-familjari tal-istess Deniro.

Jidher ukoll illi wara li sehhew l-allegati reati li bihom gie akkuzat Deniro Bugeja li Omissis insistiet li zzomm kuntatt mieghu minkejja li kienet taf illi Deniro kellu kundizzjoni fil-liberta' provizorja tieghu li ma setghax jiltaqa' jew jikkomunika maghha. Dan ukoll hu ben provat kemm mix-xhieda tal-istess Omissis, kif ukoll mix-xhieda ta' Rina Spiteri, Lucia Pullicino u mid-diversi rapporti li ntavola l-istess akkuzat mal-pulizija ezekuttiva. Jidher illi minkejja li Omissis kienet ghadha minuri kienet persuna persistenti f'imhabbitha lejn Deniro. Kienet persuna ghajjura hafna ghal Deniro, tant li kienet tghajjru b'uhud mit-tfajliet li kien ikollu u anke sahansitra kienet tghamillu l-hsara billi titfa' ritratti u messaggi fuq il-midja socjali sabiex tindirizza dawn l-istess tfajliet u anke sahansitra tasal sabiex tghajjar u thedded uhud minn dawn l-istess tfajliet.

Hu ndubitat ukoll illi fir-relazzjoni li kellha Omissis ma l-akkuzat, kien hemm atti sessswali konsenswali li sehhew fuq medda ta' zmien u dan meta kienet ghadha minuri, liema atti kienu sehhew fid-dar residenzjali tal-genituri ta' Deniro fejn allegatament kien jirrisjedi.

Illi ma hemmx dubbju wkoll illi meta bdiet ir-relazzjoni Omissis ma Deniro hi kellha erbatax-il sena kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha esebit fl-atti. Dan ikkonfermat ghaliex fl-istqarrija tieghu rilaxxata f'Mejju 2018 Deniro Bugeja jghid li kien iltaqgha l-ewwel maghha ghal habta tar-regatta ta' Settembru ta' zewgt isjuf qabel. Huwa ben saput illi r-Regatta issir fit-8 ta' Settembru u cioe' f' jum il-Vittorja, b'hekk f'dan il-kaz Deniro ltaqgha ma Omissis, fil-bidu ta' Settembru tal-2016 meta hija kien ghad kellha erbatax-il sena. Pero' jinghad f'dan l-istadju bikri tal-

konsiderazzjoni tal-Qorti illi dan il-punt li si tratta dwar l-eta' ta' Omissis, il-fus tad-difiza f'dawn il-proceduri, b'mod specjali fir-rigward tal-akkuza li si tratta fuq partecipazzjoni ta' attivitajiet sesswali.

Jirrizulta li Omissis kellha trobbija difficli, tant li kienet tinsab taht Ordni ta' Harsien u li kuntatt ma ommha ma kellhiex u minkejja li kellha hames hutha, kuntatt mill-vicin kellha biss ma ohtha t-tewmija. Waqt li Deniro Bugeja kien jghix mal-genituri tieghu f'Haz-Zabbar u li zgur kellu relazzjoni tajba ma zitu Rina Spiteri li sahansitra tirreferi ghalih bhala 'it-tifel' fix-xhieda taghha, u ma kugintu Shakira li kienet tghix mieghu flimkien mal-familja taghha wkoll f'xi zmien Bormla.

Illi pero' jirrizulta illi d-difiza u l-prosekuzzjoni ma jaqblux sa fejn ghandhom iwasslu l-provi prodotti u dan ghaliex il-prosekuzzjoni tinsisti illi l-akkuzi ta' stupru, l-akkuzi t'attivitajiet sesswali u akkuza dwar arrest illegali ghandhom jirrizultaw filwaqt li d-difiza ssostni mod iehor u ghalhekk jispetta lil din il-Qorti li tezamina l-provi prodotti u dan sal-grad rikjest mill-Ligi u cioe' sal-grad li l-akkuzi proposti mill-prosekuzzjoni sehhew sal-grad 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Illi dawn l-akkuzi jikkoncernaw incident partikolari li allegatament sar nhar l-14 ta' Mejju 2018 gewwa l-fond Pisces, Triq il-Kappuccini, Zabbar. Illi waqt dan l-inkontru kien hemm biss l-akkuzat u l-kwerelanti u ghalhekk din il-Qorti ghandha tezamina dawn l-istess xhieda bir-reqqa, flimkien mal-provi cirkostanzjali tal-kaz biex tara jekk il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha skond il-ligi.

Fir-rigward tal-livell u kwalità tal-prova li trid issir fi proċedimenti ta' natura penali, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clifford Bugeja**, Appell Nru. 196/19 deċiża fil-5 ta' Diċembru 2019:

> *'il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova.*

*Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija. Dawn il-provi però jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalità, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Dawn ix-xiehda jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom.*

*Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament. Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġu mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx sema' lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-*

*ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment però, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, "sure" bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż, li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha. Il-grad ta' sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' issib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. '*

Fil-każ Ingliż **Majid,** Lord Moses stqarr hekk:

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom T**he Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown** jgħidu s-segwenti:

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the*

*accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Illi din it-tifsira m'hiex aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li:

*'f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma*

*ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.'*

Il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence**. L-artikolu 637** tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt **l-artikolu 636** tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

*Id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Imbagħad l-**artikolu 638** tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-**artikolu 638(2)** tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xhieda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[5] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli f'Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara **wkoll Ir-Repubblika**

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Cyprian Cassar Omissis</u>**[6] *'Issa l-Qorti tirrileva li skond l-ligi, hija tista temmen xhud in parte jew in toto.'*

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**,5

> *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta -mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita', kif donnu qed jallega l-Avukat difensur fid-difiza tieghu. Il**-Qorti hawnhekk tfakkar lill-istess partijiet b'mod partikolari li xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid.** U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>**[7] rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-*

---

**<u>ta' Malta vs Martin Dimech</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) nhar it-22 ta' Marzu, 2004.

[7] Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti: -

*Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Jigi nnutat kif del resto kellu kull dritt, li l-akkuzat ma xehedx f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxa stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe' l-ghada li allegatament sehhew dawn ir-reati, meta ghazel li ma jkunx assistit minn avukat tal-ghazla tieghu. Jirrizulta pero' mill-verbal tal-Qorti datat 9 ta' Marzu 2022 li d-difiza ghamlet taghha l-istqarrija tal-akkuzat u in segwitu kienet qed tikkonferma l-istess bis-shih. In oltre jinghad illi waqt l-aringa tad-difiza, l-istess difiza ghamlet accenn qawwi ghal din l-istess stqarrija billi ddikjarat illi minkejja li din l-istqarrija giet rilaxxata minghajr assistenza legali, din kienet tirrifletti dak li effettivament sehh bejn l-akkuzat u l-kwerelanti Omissis. Minn din l-istqarrija jirrizultaw s-segwenti fatti, liema fatti fil-maggor parti taghhom ma jidhrux kontestati:

1. Li Deniro Bugeja ma jikkontestax li kien jaf lil Omissis u li sahansitra kellu relazzjoni maghha, filfatt jghid li kien iltaqgha maghha zewgt isjuf qabel ma

rrilaxxja l-istqarrija tieghu u ghalhekk fis-sena 2016, proprju fiz-zmien ir-regatta u cioe' Settembru tal-istess sena;

2. Li Deniro Bugeja kien johrog maghha u li gieli ltaqa' maghha f'certu postijiet u kien hemm okkazzjonijiet li kien imur ghaliha bil-karozza;
3. Jghid li kien ilu ma jaraha ghal xi zmien, pero' wara jghid li kien iltaqgha maghha lejliet u li kellu x'jaqsam maghha b'mod konsenswali;
4. Deniro jichad li stupra lil Omissis, kuntrarjament ghal dak li tghid hi, nhar l-14 ta' Mejju, 2018 u jikkonferma li kellu x'jaqsam maghha b'mod konsenswali u jzid jghid ukoll li kien hemm zewg okkazzjonijiet precedenti fejn hu kellu x'jaqsam maghha b'mod konsenswali kif del resto jikkonferma l-Ispettur John Spiteri fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti dwar dak li qaltlu l-istess Omissis;
5. Jghid ukoll illi dakinhar tal-14 ta' Mejju 2018 kien irrabbjat hafna ghaliex bhal ma ghamlet fi drabi precedenti, Omissis kienet baghtet xi messaggi provokattivi lill-omm it-tfal tieghu u dan biex tizzikah. Omissis ukoll tikkonferma li dakinhar tal-14 ta' Mejju hu kien irrabbjat hafna maghha dwar l-atteggjament taghha fil-konfront ta' terzi dwaru.
6. Spjega kif kienet qed tipprova tkissru kemm ma familtu, kif ukoll mar-relazzjonijiet li kellu ma diversi tfajliet. Dan il-fatt huwa wkoll korraborat b'uhud mill-messaggi li baghtet l-istess Omissis lil xi tfajliet li kellu Deniro u di piu' meta xehdet quddiem din il-Qorti u ammettiet li kellha ossessjoni fuqu tant li kienet tibghat certu messaggi biex turi lil dak li jkun li hija kienet ghadha f'relazzjoni mieghu meta fil-fatt ma kienitx.
7. Jghid ukoll li dakinhar tal-14 ta' Mejju ma felahx aktar, kien ghalaq il-hanut fejn jahdem kmieni u cemplilha bil-hash sabiex ma jiddentifikax ruhhu u talabha biex tohrog minn dar nannitha sabiex ikellimha. Ftit wara rega cemplilha u qalilha li kien wasal ghaliex kien mar ghaliha bil-vettura tieghu. Dan ukoll huwa kkonfermat u cioe' li kien hemm zewg telefonati bejn l-akkuzat u Omissis, mill-call logs li hareg Dr. Steven Farrugia Sacco, liema zewg telefonati

saru fi zmien qasir ta' xulxin (l-ewwel telefonata damet sbatax-il sekonda u t-tieni telefonata damet erbatax-il sekonda).

8. In segwitu Deniro Bugeja jghid illi kien gabar lil Omissis minn dar nannitha u saq lejn Marsascala ghand ohtu sabiex jigbor xi cwievet u wara saq biha lejn daru gewwa Haz-Zabbar. Dan ukoll ikkonfermat minn Omissis fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti.
9. Jghid li waqt li kienu fil-karozza Omissis bdiet tibki ghalkemm jghid li hi bdiet tmissu u dehret normali bhal f'okkazjonijiet precedenti. Jigi rilevat illi Omissis tammetti li bdiet tibki fil-karozza pero tichad li fil-fatt bdiet tmissu;
10. Tul dan it-tragitt jghid li kien qed jargumenta maghha, li hadilha l-mobile u poggieh fuq is-seat ta' wara;
11. Appena wasslu fid-dar t'ommu, dan tela' fil-kamra tieghu u hi segwietu;
12. L-akkuzat jammetti illi kellu x'jaqsam maghha, kemm minn quddiem u kemm minn wara, izda jghid li qas damu nofs siegha.
13. Bugeja jghid ukoll li kienet hi li nezghet il-hwejjeg.
14. Jichad li bdiet tibki waqt l-att sesswali u mistoqsi jekk setgha ma ndunax li bdiet tibki hu wiegeb 'jiena wiccha ma wicci kien, nahseb li ndunajt kieku ma nafx. Rajt nies jibku, rajt lili nnifsi nibki.'
15. Jammetti li f'xi hin waqt l-att sesswali hi wegghet, izda hu wara kompla maghha bhas-soltu;
16. Jammetti li ghafasha waqt l-att sesswali u li fil-fatt ghandu vizzju li jghafas lit-tfajliet li jkun maghhom izda ex admissis jghid 'zgur ma tajthiex go wiccha';
17. Jammetti wkoll li waqt l-att sesswali ghajjarha kiesha u qalilha li kienet ser teqridlu hajtu billi toqghod taqbad man-nies. Jammetti wkoll li kien irrabjat maghha meta kellu x'jaqsam maghha u li hu qal mhux soft, bhal irgiel ohra.
18. Jammetti wkoll li seta' qabadha minn ghonqha meta kellu x'jaqsam maghha.
19. Jghid li kienet hi li bdiet tmissu u li ghalhekk mbghad ma setax izomm u ma rrejalizzax li kienet pjanat kollox.

20. Jghid ukoll li hu ma kellux intenzjoni jistupraha izda jekk hasbet hekk jiddispjacih u minkejja li kien mahruq maghha, ma kienx kapaci jzomm lura. Jargumenta li kieku stupraha kien icartilha hwejjigha u mhux tnehhihom hi;
21. Jikkonferma kif del resto tghid Omissis stess li dakinhar wassalha nofs triq pero' cemplilha biex jara waslitx lura d-dar. Din it-telefonata hija wkoll kkonfermata mill-call logs;
22. Jikkonferma li filfatt kien egakola fit-tissues, izda mbghad kompla f'halqha b'mod konsenswali u jghid li jista' jkun li zammha minn rasha waqt li kien qed jegakola f'halqha izda bl-approvazzjoni taghha;
23. Ikkonkluda billi qal li fl-ebda hin ma qaltlu biex jieqaf u li bisitu kemm il-darba waqt l-att sesswali;
24. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu jghid li sa fejn jaf hu, hi kellha sittax-il sena.

Il-Qorti in segwitu u fid-dawl ta' dak sucitat mill-akkuzat ghaddiet sabiex tezamina bir-reqqa x-xhieda mghotija mill-kwerelanti u dan bil-ghan biex tara jekk l-istess kwerelanti kienitx konsisteni u kredibbli fix-xhieda taghha. L-ezercizzju li ghamlet il-Qorti hu dak rakkomandat fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe'

> *...id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:*

**Ikkunsidrat,**

Omissis xehdet f'zewg istanzi, darba minnhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-1 ta' Gunju 2018,[8] meta dakinhar kien sar ukoll il-kontro-ezami taghha u darb' ohra quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2022. Pero' apparti din ix-

[88] Fol. 68 tal-atti.

xhieda guramentata hija tkellmet a tempo vergine tar-rapport taghha ma xhieda li ddeponew kemm quddiem l-ewwel Qorti u kemm quddiem din il-Qorti. Minn ezami akkurat tax-xhieda taghha u ta' dak li stqarret li x-xhieda li xehdu dwar dak li ghaddiet minnu jirrizultaw diversi divergenzi fattwali li din il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea qabel ma tibda titratta r-reati in kwistjoni.

1. Omissis tispjega fix-xhieda quddiem l-ewwel Qorti li waqt li kienet ghand nannitha l-Fgura rceviet telefonata bl-unknown fejn il-persuna inkwistjoni qalilha sabiex tkun lesta fi kwarta. Tghid ukoll li m'gharrfitx min kien dan il-persuna u meta harget barra rat il-karozza sewda BMW tal-akkuzat u dahlet f'din l-istess vettura. Meta xehdet quddiem din il-Qorti hi rrepetiet din il-verzjoni pero' mill-phone logs jirrizulta illi kien hemm zewg telefonati u mhux wahda. Deniro jghid fl-istqarrija tieghu li kien cemplilha darbtejn. L-ewwel darba biex jghidilha biex tkun lesta u t-tieni darba biex jghidilha li kien wasal. Minn ezami tal-logs jirrizulta illi ghal habta tas-6.20 p.m. irceviet l-ewwel telefonata minghand l-akkuzat li damet sbatax-il sekonda u ftit wara rceviet telefonata ohra minghandu li damet erbatax-il sekonda. Din il-Qorti ssibha difficli temmen li m'gharrfitx lill-akkuzat meta cemplilha u dan meta wiehed ifakkar l-ossessjoni li kellha fuq Deniro Bugeja u l-fatt li kienet tafu sew stante r-relazzjoni li kellhom flimkien. Jinghad ukoll f'dan ir-rigward illi fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti hija tghid illi Deniro kien cemplilha fit-8.00 p.m. Deniro fl-istqarrija tieghu jghid li kien ghalaq il-hanut kmieni ghax kien irrabjat u ried ikellem lil Omissis. Jirrizulta mill-call logs illi dakinhar, dak li stqarr Deniro a tempo vergine kien minnu u cioe' illi verament kien ghalaq il-hanut kmieni biex ikellimha u skont il-logs sar qabel is-sitta' u nofs ta' filghaxija u dan stante li l-logs gew registrati fis-6.20 p.m.

2. Omissis tenfasizza illi meta kienet qed tkellem lil Deniro fuq Facebook hija kienet qaltlu li kellha erbatax-il sena. Il-prosekuzzjoni ma esebietx tali chat log u mhux hekk biss, izda jirrizulta illi mix-xhieda ta' Omissis, illi hija kienet

thassar ic-chat logs li kellha ma Deniro. Mistoqsija ghaliex kienet thassar dawn ic-chat logs, hija tghid li ma tafx. Li hu zgur hu li Deniro fl-istqarrija tieghu jghid illi sa fejn kien jaf hu hija kellha sittax-il sena dak iz-zmien. In oltre, meta gie mistoqsi fl-istqarrija tieghu xi skola tmur, hu jghid li ma kienx jaf izda meta l-Ispettur isaqsih[9] jekk kienitx fi klassi sekondarja, hu jwiegeb 'sekondarja ovja hu. Mhux ovja jekk ghandha sittax-il sena.' Meta l-Ispettur ikkoregih u qallu li ghandha hmistax-il sena Deniro jwiegeb '15? Anke l-eta' gidbet. La qatt gbart lilha u lanqas qatt lil hadd ma gbart mill-iskola.' Deniro jikkonkludi l-istqarrija tieghu fuq domanda tal-Ispettur billi jghid 'Din ghalija kienet ha taghlaq sittax-il sena meta ltqajt maghha u jekk forsi ghandha l-Facebook l-antiki tista' ssib 16 qaltli lili.' Il-Qorti hawnhekk tirrileva illi sa mill-bidu nett ta' din l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni kienet mgharrfa illi fil-fhema tal-akkuzat il-kwerelanti kellha sittax-il sena meta hu mar maghha nhar l-14 ta' Mejju 2016. Kien jispetta ghalhekk li l-istess prosekuzzjoni fid-dawl tal-istess li tezebixxi kopji tal-Facebook accounts tal-kwerelanti f'kaz li hasbet li l-akkuzat ma kienx veritier f'dak li qed jghid.

Il-kwerelanti tghid ukoll illi hija xtaqet tistieden lill-akkuzat li dak iz-zmien kien il-boyfriend taghha sabiex jattendi allegatament l-ikla tal-birthday f' Settembru 2017 pero' dan ma sehhx ghax allegatament missierha ma riedux. Illi fid-dawl ta' din l-allegazzjoni kien jispetta lill-prosekuzzjoni fl-ewwel lok issaqsi lill-akkuzat fl-istqarrija tieghu dwar din l-allegazzjoni ghaliex kienet gia qalitha fl-investigazzjoni li kienet ghamlet il-pulizija u fit-tieni lok tressaq lill-missier il-kwerelanti sabiex tikkonferma jekk din l-allegazzjoni kienitx minnha jew le. Dan huwa certament nuqqas tal-prosekuzzjoni, liema nuqqas jghin sabiex isahhah il-verzjoni tal-akkuzat. Il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li tressaq kull prova kemm favur u kemm kontra l-akkuzat fl-interess tal-gustizzja. Din il-Qorti tifhem li l-Ufficjal Investigattiv ma setax jinvestiga kull holqa tal-katina tal-investigazzjoni, pero' certament kellu dmir li jkompli

9

jinvestiga l-kaz anke wara li jressaq persuna l-Qorti u dan sabiex ikun f'posizzjoni ahjar sabiex isahhah il-provi kemm favur u kemm kontra l-akkuzat u jkun f'pozizzjoni ahjar li jipprova l-kaz tieghu specjalment f'kaz bhal dan fejn si tratta ta' massimu ta' erbghin sena piena f'kaz ta' htija.

3. Omissis quddiem din il-Qorti tghid illi hi kellha x'taqsam mal-akkuzat kwazi kuljum tul il-perjodu ta' tlett xhur pero meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti tghid ukoll l-istess haga li kien ikollha x'taqsam mieghu kwazi kuljum.[10] Deniro min-naha l-ohra jghid li kellu x'jaqsam maghha f'zewg okkazjonijiet qabel l-14 ta' Mejju 2017.[11] L-Ispettur John Spiteri fix-xhieda tieghu[12] jghid li Omissis qaltlu li hija kellha x'taqsam mal-akkuzat f'zewg okkazjonijiet.

4. Omissis tallega illi Deniro kien hadilha l-mobile meta dahlet fil-karozza u poggieh fuq is-seat ta' wara meta gabarha minghand nannitha. Filwaqt li Deniro fl-istqarrija tieghu jghid li appena Omissis dahlet fil-karozza, hadilha l-mobile, qalalha s-sim card u taha l-pocket u qalilha 'dan tieghek biex jibilghu f'ghajnu'. Qalilha li meta tnehhi r-ritratti jaghtiha l-mobile lura. Hi accettat li ttih il-password tal-mobile sabiex ihassarhom quddiemha. Hu hassarhom quddiemha u rega raddila lura l-mobile. Omissis tghid illi dan sehh iktar tard meta wara li kellhom x'jaqsmu flimkien sesswalment meta Deniro ghaddielha l-mobile. Il-Qorti hija tal-fhema illi l-verzjoni tal-akkuzat hija aktar kreddibli u dan ghaliex l-iskop li kellu l-akkuzat meta ltaqgha maghha nhar l-14 ta' Mejju 2018, propju meta ghalaq il-hanut tieghu kmieni, kien li jwaqqafha milli tkompli tiddezisti bl-agir taghha li tibghat ir-ritratti tieghu lin-nisa li hu kien jifrekwenta. Illi dan l-inkontru f'ghajnejn l-akkuzat zgur kien destinat sabiex juriha li hu kien irrabjat b'dan l-atteggjament taghha u ghalhekk jaghmel sens li l-ewwel haga li ghamel meta ltaqa' maghha kien propju li jhassar kull evidenza li hija kellha fuqu fir-rigward tar-relazzjoni taghhom antecidenti.

---

[10] Fol 81 tal-process
[11] Fol 42 tal-process
[12] Seduta mizmuma 8 ta' Marzu, 2022 quddiem din l-istess Qorti.

**5.** Omissis fix-xhieda taghha tghid quddiem l-ewwel Qorti illi Deniro mbuttaha t-tarag tad-dar t'ommu sabiex titla fil-kamra tas-sodda tieghu. Mhux talli hekk talli Omissis tghid ex admissis 'bdejt ningibed naqra kif beda tiela' t-tarag imma beda jimbuttani, mbghad hu beda jmiss.' L-ispettur Spiteri kif ukoll il-guidance teacher Ruth Spiteri wkoll ikkonfermaw quddiem din il-Qorti illi Omissis kienet fuq quddiem u Deniro kien warajha jimbuttaha sabiex titla t-tarag. Madankollu, Deniro fl-istqarrija tieghu jghid ex admissis meta mistoqsi min tela' l-ewwel, 'mhux jiena rrid nitla' la f'dari hu. Nahseb jiena rrid nitla la f'dari.' Omissis quddiem din il-Qorti tikkollabora dak li qal Deniro u cioe' li kien hu li tela' l-ewwel it-tarag l-ewwel, kuntrarjament ghal dak li kienet xehdet quddiem l-ewwel Qorti.

**6.** Omissis tghid li kien Deniro li nezzghala l-hwejjeg cioe' li nizlilha l-leggings u l-panty izda l-panty ma nezzahuliex kollu, izda min-naha wahda biss. Min-naha l-ohra huwa jghid li hi nezghet il-hwejjeg bhas-soltu izda wara ftit jghid illi l-flok nehhihulha hu izda l-qalziet ma nehhitux izda nizzlitu ghalhekk jirrizulta li minkejja li hemm divergenza f'dak li qalu jibqa' l-fatt illi l-qalziet ma nehhitux u kien imnizzel biss sa rkubtejha, pero' fix-xhieda taghha hija tghid illi Deniro beda jipprova jisfurzaha tiftah saqajha meta hi ma riditx.

**7.** Ix-xhud Ruth Spiteri tghid illi Omissis qaltilha meta rrapurtat il-kaz illi Deniro kien qalilha wara li kellu x'jaqsam maghha sabiex tmur tbennen. Jirrizulta wkoll illi Omissis qalet l-istess lill-Ispettur John Spiteri pero meta xehdet quddiem din il-Qorti hija tghid illi ma kienx minnu illi Deniro qalilha dan id-diskors. Deniro wkoll jikkonferma illi fl-ebda hin tas-serata ta' nhar l-14 ta' Mejju 2018 ma qalilha dan id-diskors, filfatt mistoqsi mill-Ispettur fl-istqarrija tieghu jekk huwa kienx qal lil Omissis sabiex tmur tbennen ex admissis wiegeb 'le zgur li m'ghedtilhiex hekk zgur. Tbennen? Mela mignun jew? Lanqas

nghidilha mara bhal dik tbennen. Naf ma liema nies tkun. Ma ghedtilhiex tbennen...'[13]

**8.** Omissis tinsisti fix-xhieda li tat quddiem din il-Qorti li hija qatt ma hededt lil xi hadd, pero minn ezami tal-atti jirrizulta mod iehor u appuntu li hi kellha manuvri ta' theddid inter alia ma' Rodianne Bongailas u max-xhud Rina Spiteri b'mod specjali meta Deniro ma kienx jikkomunika maghha jew itiha l-attenzjoni li kienet trid;

**9.** Omissis tghid illi meta kellha x'taqsam ma Deniro huwa heles billi egakola go halqha u fl-ebda hin ma ssemmi li Deniro uza xi tissues. Min-naha l-ohra Deniro, filwaqt li jammetti li spicca egakola f'halq Omissis nhar l-14 ta' Mejju 2018 jghid ukoll li beda jegakola fil-wipes u dan fil-fatt jghidu lill-ufficjal investigattiv fl-istqarrija tieghu.[14] Il-Qorti tirrileva ghal darb'ohra li l-prosekuzzjoni naqqset milli tinvestiga ulterjorment din il-holqa tal-evidenza meta ma accedietx fil-fond residenzjali ta' Deniro sabiex tigbor dawn il-wipes sabiex jigu ezaminati ulterjorment;

**10.** Omissis tghid fix-xhieda taghha illi nhar l-14 ta' Mejju 2018 waqt l-att sesswali mal-akkuzat, Deniro kien aggressiv hafna maghha tant li tghid hekk: 'beda jaqbadni minn ghonqi u jaqbadni minn xaghri...'[15] hi tkompli tghid ' u jien bdejt nibda nqum u beda jimbuttani u kif bdejt inqum minn hawn qabadni minn ghonqi...'[16] aktar tard quddiem din il-Qorti zzid id-doza taghha u tghid li kien ta daqqiet ta' harta bic-catt, ghafasha minn ghonqha u enfasizzat kemm bdiet tghajjat u tibki. Qalet ukoll illi dakinhar ma riditx li jkollha x'taqsam mieghu u beda l-hin kollu jgieghlha tiftah saqajha sabiex ikollu x'jaqsam maghha. Tghid li hija bdiet taghlaq saqajha izda hu beda jisfurzaha. Tikkonferma wkoll illi kellu x'jaqsam maghha mill-warrani u dak il-hin bdiet tghajjat ghax

[13] Fol. 61 tal-process.
[14] Fol. 59 tal-process.
[15] Fol. 73 tal-process.
[16] Fol. 74 tal-process.

weggaghha sahansitra tghid illi anke rat id-demm. Mill-ezami forensiku li ghamlet Dr. Mignonne Vella jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda sinjal ta' trawma, ticrit, lacerazzjoni jew tbengil. Ikkonfermat ma kkonstatat l-ebda sinjali ta' trawma u dan minkejja illi hija ezaminata fi zmien ta' inqas minn erbgha u ghoxrin siegha. Ulterjorment spjegat illi effettivament kieku kien hemm xi grif zghir dan setgha lahaq ghalaq. Spjegat illi l-vittma ma kienitx ghadha nhaslet meta marret ghandha u ma rat l-ebda sinjali ta' dmijja, lanqas fuq il-hwejjeg ta' taht taghha. Fid-dawl ta' din ix-xhieda din il-Qorti ssibha difficli hafna taccetta illi f'cirkostanzi bhal dawn l-espert mediko-legali ma jsib l-ebda tracci ta' aggressjoni fuq il-gisem molto piu meta l-vittma tghid illi hija zammet saqajha maghluqa u rrezistiet l-penatrazzjoni tal-akkuzat. Dr. Vella qalet ukoll illi f'kaz ta' rape generalment ikun hemm inqas lubrikazzjoni naturali u ghalhekk suppost ikun hemm iktar sinjali ta' trawma. Madankollu, hija ma rriskontratux. In oltre kieku huwa minnu illi l-vittma kellha xi trawma zgur ma kienitx tkompli tigri warajh ghal sentejn shah wara l-akkadut. In oltre ma jaghmilx sens ukoll illi wara li tghid li giet stuprata tmur taghmel tpingija fuq gisimha ta' Deniro. Lanqas ma kellha tibghat messagg lill-familjari tal-istess Deniro tistaqsi dwaru jekk hija fil-fatt kienet tant trawmatizzata mill-episodju tal-14 ta' Mejju 2018. Dr. Vella tghid biss illi fl-ezami mediku taghha li ghamlet minn ras sa saqajn il-vittma, hija kkonstatat biss li kien hemm papular mark ta' 0.4mm u mistoqsija tispjega tali marka teskludi li hija rizultat ta' kundizzjoni tal-gilda u tghid li hija demm migmugh taht il-gilda. L-akkuzat jispjega fl-istatement tieghu illi effettivament zamm lill-allegat vittma u li ma kienx 'soft'. Li kieku din il-papular mark kienet xi taghfisa fl-ghonq bl-intendiment li jissoffoka ir-raguni titlob li kien ikun hemm marka parigga fuq in-naha l-ohra tal-ghonq, haga li ma gietx konstatata. Ghalhekk din il-Qorti m'hix sodisfatta bl-argument migjub mill-Avukat Generali li tali marka giet ikkagunata minhabba aggressjoni da parte tal-akkuzat.

**11.** Omissis tispjega illi l-allegat stupru sehh fil-kamra tas-sodda ta' Deniro u ddiskreviet tali kamra billi qalet li din il-kamra kellha gallarija maghha li ma

kienitx imsaqqfa u li taghti ghal wara tad-dar faccata xi bini, liema gallarija tghid li kienet qisu terazzin. Filwaqt li waqt l-access hi uriet lil Qorti kamra tas-sodda b'gallarija msaqqfa li taghti ghat-triq principali. Jigi nnutat illi fl-istess dar kien hemm kamra kif deskritta fuq Omissis fuq il-parti ta' wara tad-dar pero' murija din il-kamra hi tichad li l-allegat stupru sehh f'din il-kamra. Din ukoll hija nkonsistenza f'dak li qalet Omissis molto piu meta tqis li din il-Qorti a sua sponte staqsiet waqt id-deposizzjoni taghha quddiemha jekk kienitx certa minn dak li kienet qed tghid.

Jinghad ukoll, kif diga gie ndikat supra illi l-prosekuzzjoni setghet ressqet iktar xhieda sabiex isahhah il-kaz taghha u tikkollabora l-verzjoni tal-kwerelanti. Din il-Qorti ghalhekk, wara li ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti esebiti ghandha tara jekk l-akkuzi moghtija mill-prosekuzzjoni fid-dawl tal-provi prodotti jirrizultawx sal-grad rikjest mill-ligi.

**<u>L-Ewwel kap</u> tal-akkuza jitratta r-reat ta' stupru, kif kontemplat fl-Artikolu 198(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi s-segwenti:**

> *'kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta'persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa' tnax-il sena: Iżda penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-ġisem u, jew oġġett għandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-konġunġiment karnali, u mhuwiex neċessarju li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.'*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi li gie emendat ricentament permezz tal-Att XIII ta' 2018 u sussegwentament bl-Att LXIV ta' 2021. It-tifsira li l-Leġislatur ried jagħti lill-kunċett nonchett ta' konġunġiment karnali hija waħda ċara u ftit li xejn teħtieġ spjegazzjoni ulterjuri. Iżda sabiex konġunġiment karnali jikkostitwixxi r-reat ta'

stupru ai termini tal-Liġi kif in vigore **illum**, irid ikun sar mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra. In verità l-element tal-kunsens dejjem kien element ċentrali għall-finijiet tar-reat ta' stupru. In effetti kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija v. Mark Taliana,** deċiża fis-17 ta' Diċembru 2001 Maino, il-ġurista Taljan, fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale - Vol 3 - paġni 178 u 179 jgħid:

> *"L'indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenutocontro la volontà della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni più ovvie della vita*."

Illi r-reat in kwistjoni gie emendat wara li Malta rratifikat il-Konvenzjoni ta' Istanbul fis-sena 2014 u sussegwentament giet enforzata fl-2018. Skond din il-konvenzjoni u l-legislazzjoni taghna giet emendata abbazi taghha, l-element formali ghar-reat ta' stupru huwa t-taghrif jew ahjar in-nuqqas ta' kunsens dwar jekk l-allegat vittma taghtix il-kunsens taghha jew le ghall-att sesswali.

Dejjem fir-rigward ta' l-element tal-kunsens, l-Artikolu 198(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: l-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni ta' l-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonjiet oħrajn.

L-element ta' kunsens jaghti piz lil awtonomija sesswali tal-persuna koncernata. Il-kunsens isehh meta persuna tawtorizza persuna ohra li taghmel dak li trid mill-persuna konsenti. Il-kunsens jista' jigi espress b'mod assertiv u car jew adirittura b'mod implicitu mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Zgur kif stqarret id-difiza sokor, dizzabilta', inabilitazzjoni u eta' jaffetwaw persuna ta' kif ghandha taghti l-kunsens taghha. L-att materjali ta' dan ir-reat huwa l-kongungiment karnali u f'dan il-kaz

mhux jigi kkontestat pero' li hu inkontestat hu l-fatt jekk l-allegata vittma tatx il-kunsens taghha sabiex isehh l-att sesswali. F'dan il-kaz ghalhekk wiehed irid jagixxi fit-terminu ta' sub artikolu 3 tal-Artikolu 198. Huwa rikjest sine qua non ghalhekk li l-aggressur jkun jaf li l-allegata vittma tkun qed tikkonsentixxi qabel ma fil-fatt jikkommetti dan l-att sesswali b'penetrazzjoni, fejn il-livell ta' prova li tista' tressaq il-prosekuzzjoni tista' tvarja minn kaz ghal iehor, specjalment meta tqis li generalment waqt il-konsumazzjoni ta' dan l-att ikunu prezenti biss l-aggressur u l-vittma. Li hu zgur pero li l-aggressur irid jemmen b'mod ragjonevoli li l-parti l-ohra qeghda taghti l-kunsens taghha u ghalhekk ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom jigu analizzati sabiex jigi determinat jekk l-aggressur hax xi passi sabiex jaccerta ruhhu mill-kunsens jew in-nuqqas tieghu.

Kuntrarjament ghal ligi Ingliza msejjha UK Sexual Offences Act fejn insibu definizzjoni ta' xi tfisser kunsens u cioe' fejn "a person … agrees by choice, and has the freedom and capacity to make that choice"[17] il-ligi Maltija hija siekta. Kull ma tipprovdi l-ligi Maltija hija dwar il-kunsens huwa dak ipprovdut fis-sub-inciz 3 tal-Artikolu 198. Sta ghal din il-Qorti ghalhekk li ticcara x'ghandu jinftiehem bil-kelma kunsens fic-cirkostanzi li jwasslu ghal reat ta' stupru. Din il-Qorti ghalhekk f'sitwazzjoni fejn m'hemmx cahda diretta ghal partecipazzjoni f'tali att, trid tara jekk l-agir tal-allegata vittma kienx wiehed univokament dirett sabiex iwassal lill-aggressur jifhem illi huwa ma riedx jippartecipa bl-ebda mod u li dak li kien ser isehh kien se jigi impost fuq il-persuna tal-vittma kontra r-rieda taghha. Il-Qorti dan tista' taghmlu biss jekk ic-cirkostanzi antecedenti tal-att ikunux tali li jinducu lill-aggressur jikkommetti l-att sesswali b'penetrazzjoni jew kienux dawk li jindikaw mod iehor. Naturalment dan isir billi l-Qorti tqis fost kunsiderazzjonijiet ohrajn l-istat emozzjonali u psikologiku tal-allegata vittma. Il-fatt li l-allegat aggressur u l-allegata vittma jkollhom relazzjoni amoruza qabel il-kommissjoni ta' tali att bil-penetrazzjoni jaghmilha aktar difficli ghall-Qorti sabiex tiggudika lill-istess nies propju f'dak il-mument ta' konsumazzjoni tal-att sesswali bil-penetrazzjoni. F'dan il-kaz zgur ma

[17] Sexual Offences Act 2003, Article 74.

jirrizultax illi kien hemm xi forma ta' tixhim, theddid, qerq jew pressjoni mhux kif imiss. Kif ser jigi spjegat iktar il-quddiem lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi cahda mill-liberta' tal-allegat vittma.

Jidher li f'dan il-kaz l-allegata vittma kellha relazzjoni intima mal-akkuzat ghal certu zmien fis-sena antecidenti ghad-data ta' dan l-allegat stupru u li l-istess allegata vittma baqghet b'mod konsistenti ossessjonata fuq l-akkuzat tant kif ippruvat fil-kaz hi segwiet il-passi tieghu billi marret tfittxu fuq il-post tax-xoghol u anke kienet tmur fil-komun tal-flat fejn kien jabita, u dan ta' sikwit bl-isperanza li l-akkuzat jaghtiha l-attenzjoni. Jirrizulta wkoll mhux kif qalet Omissis li hija kienet taf ma min ser tiltaqa' meta harget mid-dar ta' nannitha u rikbet fil-karozza tieghu f'dak il-jum tal-14 ta' Mejju 2018 u dan stante kif qal l-akkuzat stess u ppruvat bil-call logs li hu kien cemplilha qabel mar ghaliha. Jirrizulta wkoll illi minkejja l-eta' tenera li hi kellha, kif tghid hi stess, hija kellha x'taqsam mal-akkuzat diversi drabi, kwazi kwazi ghal xahrejn shah tal-ahhar tas-sena 2018 meta dan kien isehh fil-kamra tas-sodda tieghu gewwa l-fond Pisces fi Triq il-Kappuccini, Zabbar. Din il-Qorti ghalhekk issibha difficli ferm temmen illi Omissis ma kienitx taf li kien ser ikollha x'taqsam mal-akkuzat meta hu hadha d-dar tieghu ftit wara li kien gabarha minkejja li Omissis tghid li hija rrigettat lill-akkuzat dakinhar tal-14 ta' Mejju 2018 u sahansitra tghid illi kien aggressiv maghha u li sawwatha, dan ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u cioe' sal-livell ta' prova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-akkuzat hati talli stupra lil Omissis fl-14 ta' Mejju 2018 billi hija konvinta illi l-att sesswali kien wiehed konsenswali.

**Dwar it-Tieni Kap. tal-Akkuza u cioe' dwar ir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' Omissis kontra l-ligi.**

Il-Qorti hija ben konxja mill-ġurisprudenza lokali li qieset li r-reat t'arrest illegali kwalifikat ma jistax jitqies integrat meta si tratta taż-żamma ta' persuna sabiex din tkun tista' tiġi stuprata. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 t'Ottubru 2006 saret referenza ghas-segwenti artikolu propju waqt li kienet qed titratta kaz fuq stupru. Dan l-artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi s-segwenti:

> *'L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : "kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"*

Illi f'din l-istess sentenza qabel ma' l-Imhallef ghadda sabiex jispjega il-fattispecje tal-kaz ghamel referenza ghall-insenjament tal-Professur Sir Anthony Mamo propju fuq ir-reat in dezamina u jghid is-segwenti.

> *"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*[18]

F'din il-kawza appena msemmija meta l-Ispettur prosekutur giet mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-

[18] Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40])

Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li 'din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.'[19] Dik il-Qorti fis-sentenza taghha stqarret li:

> *'dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f' hafna kazi l-att sesswali f' certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Inoltre dan is-sokrien ma jirrizultax li sar fil-kaz taz-zewg akkuzati. Imma ancorche' kellu jirrizulta li l-akkuzat Denis Pandolfino f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mall-minuri, jew ma xi wiehed minnhom, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom. Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, z-zewg kapi tal-att ta' l-akkuza li jirrigwardaw is-sekwestru tal-persuna fil-konfront taz-zewg akkuzati ma gewx pruvati.'*

Issa l-fattispecie f'dan il-każ huma differenti fis-sens li l-vittma zgur li ma ġietx miżmuma mill-imputat kontra r-rieda taghha. In oltre jirrizulta li l-allegata vittma kienet taf fejn kienet sejra u dan stante kienet marret hemm ghall-istess skop diversi

[19] **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 t'Ottubru 2006, p.55.

drabi qabel. Fl-ebda hin ma tghid li hija giet sfurzata sabiex tidhol fil-kamra tas-sodda u sahansitra tghid li hi telghet warajh. Dan jindika l-volontarjeta taghha. Mistoqsija jekk il-bieb kienx imsakkar wiegbet li ma jidrilhiex u dan ghalhekk jindika li hija m'ghamlet l-ebda tentattiv sabiex titlaq. Tghid biss illi l-purtieri kienu maghluqa u dan hu ovvju jekk kien hemm l-intendiment li l-partijiet imorru flimkien. Illi jinghad illi kien hemm diversi cirkostanzi fejn setghet titlaq lill-akkuzat anke jekk minghajr il-mobile taghha pero fl-ebda hin ma l-istess vittma tghid li din kienet ix-xewqa taghha. Tant hu hekk li kien l-istess akkuzat li wassalha d-dar wara l-att u mhux hekk biss illi hu cemplilha jekk jara waslitx u dan konfermat minnha, mill-akkuzat u mill-call logs. Jigi rilevat ukoll illi fir-rapport promotur taghha lis-social worker, hija qatt ma qalet li kienet giet sekwestrata.

Din il-Qorti tikkonkludi billi tghid li fil-mument tal-konsumazzjoni ta' att sesswali iz-zamma tal-allegat vittma issir parti integrali mill-istess reat tal-att sesswali u ma jammontax ghar-reat t'arrest illegali. Ghalhekk din il-Qorti mhux qed issib lill-akkuzat hati tat-tieni Kap. tal-Akkuza.

**It-Tielet Kap. t'Akkuza tirrigwarda partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta'. Illum il-gurnata u cioe' wara l-emendi permezz tal-Att XIII tal-2018 dan l-artikolu u cioe' 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie sostitwit bis-segwenti:**

> '*Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma'persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta'priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*'

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Raisa Omissis'**[20] gie kkunsidrat li:

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it- 23 ta' Lulju 2014 (1081/2013).

*'Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi attivitajiet sesswali pero' huwa maghruf li dawn l-atti jrid ikollhom bhala minimu certu element ta' sess sabiex l-atti jissejhu attivitajiet sesswali u ghalhekk m'hemmx dubju li ghandu jkun hemm l-uzu ta' l-organi sesswali tal-persuni nvoluti fir-relazzjoni.'*

Ghalhekk mhux kwalsiasi att bejn zewg minn nies f'relazzjoni tista tissejjah attivita sesswali bhal per ezempju tghanniqa jew koppja lambranzetta, jew addirittura 'flirting' ma jistax jissejjah attivita' sesswali. Jinghad illi l-akkuzat f'dan il-Kap. tal-akkuza gie akkuzat li huwa ppartecipa f'attivitajiet sesswali kemm nhar l-14 ta' Mejju 2018, kif ukoll precedentament u cioe' minn Settembru 2017 u x-xhur ta' wara meta l-allegat vittma kellha hmistax-il sena.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal-laqgha tal- 11 ta' Dicembru 2007 tal-Kumitat Permanenti ghall-Kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' ligi meta kienet qieghda tigi diskussa iz-zieda tal-Artikolu 204C fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn fost diskussjonijiet ohra dak iz-zmien l-Onorevoli Tonio Borg qal:

' *It-204C tgħid hekk:*

*"Participation in sexual activities with persons underage.".*

***Dawn huma rikjesti sabiex inkunu nistgħu nirratifikaw il-protokoll mhux obbligatorju tal-konvenzjoni tal-United Nations fuq id-drittijiet tat-tfal, il–bejgħ ta' tfal, il-kustodja tat-tfal u l-pornografija tat-tfal kif ukoll il-framework ecision ta' l-2003 ta' l-Unjoni Ewropea dwar sexual exploitation of children and child pornography. Hawnhekk kienet tqajjmet kwestjoni fuq sexual activity x'inhi. Jiena fittixt il-convention u nista' ngħid li m'hemmx definizzjoni. L-unika ħaġa meta***

***tfittex il-convention, is-sexual activity pjuttost tintuża bħala l-aggravju.***

*Jiena qed ngħid dan għax aħna diġa' għandna r-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni. Allura issa x'se jiġri? Se ntellgħuh taħt it-204C? Meta qed ngħid sexual activity qed ngħid li llum korruzzjoni ta' minorenni teżisti wkoll – id-defilement of minors – anke jekk turi oġġett pornografiku lil xi ħadd taħt l-eta' u anke jekk m'hemmx kuntatt fiżiku. Dak huwa korruzzjoni ta' minorenni. Issa hawn sexual activity hija iktar restrittiva minn defilement għax ma naħsibx li turi oġġett pornografiku huwa sexual activity.*

*Forsi l-avukat ġenerali jista' jintervjeni bil-permess tal-Kamra.*

*ONOR. GAVIN GULIA: Qabel jintervjeni. Jiena dan il-punt kont semmejtu għax peress li t-204C fejn issemmi l-attivitajiet sesswali ġġorr magħha piena li hija inqas mill-pieni li qegħdin iġorru reati aktar speċifiċi li ma jmorrux ....(Interruzzjonijiet) Id-difiża tipprova tagħmel mezz li l-att li qed jiġi sindakat jiġi jaqa' taħt l-attivitajiet sesswali biex jiksbu piena inqas gravuża mill-pieni stabiliti fuq reati aktar speċifiċi. Qed ngħid dan li ma jmurx inkunu qegħdin nagħmlu xi ħaġa li flok inkunu qegħdin niġġieldu aktar il-kriminalita' f'dan il-qasam inkunu qed indgħajfu. Qed inqajjem dan il-punt għax il-kelma "attivitajiet sesswali" hija xi ftit jew wisq wiesa'.*

***THE CHAIRMAN: L-Avukat Ġenerali***

*DR. SILVIO CAMILLERI (Avukat Ġenerali): M'għandix dubji li d-diffikultajiet li qed jissemmew huma diffikultajiet reali li anke mill-uffiċċju tiegħi preokkupawna ftit sakemm ġejna biex niddeċiedu x'forma għandna nagħtu lil dawn l-emendi. Pero` finalment, per*

*eżempju, jekk tieħu l-korruzzjoni ta' minuri, illum l-iktar ġurisprudenza riċenti li konstantament qed tiġi segwita hi fis-sens li mhux neċessarjament li jkollok attivita' sesswali ma' minuri. L-aktar ġurisprudenza riċenti tgħid li jekk il-minuri kienet diġa' assolutament korrotta, allura m'hemmx ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri. B'dan ir-reat anke jekk hija* ***assolutament korrotta allura*** *għandu jirriżulta dan ir-reat. Mela jista' assolutament ma jirriżultalix ir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri għaliex il-minuri kienet diġa' korrotta. Pero' jekk jirriżultalha li kien hemm l-elementi ta' dan ir-reat fis-sens ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali fuq persuna taħt l-eta', dak ir-reat jista' jirriżulta dan flok l-ieħor. Jiġifieri m'humiex preċiżament koinċidenti fl-elementi tagħhom.*

*Fi kwalunkwe każ imbagħad japplikaw xorta waħda l-prinċipji legali dwar l-assorbiment tar-reati u konkors formali ta' reati, applika ukoll l-artiklu 17 tal-Kodiċi Kriminali jekk ikollok akkumulu ta' ħtijiet ta' reati differenti fl-istess akkuża allura hija rregolata l-piena li tingħata. Jiġifieri dawk il-prinċipji, dawk ir-regoli xorta jibqgħu applikabbli.*

*Aħna dehrilna li veru kellna nagħmlu daqsxejn akkurat biex niddeċiedu jekk għandniex bżonn dawn ir-reati speċifiċi u eventwalment dehrilna li iva għad hemm lok li jkun hemm dawn ir-reati speċifiċi kif hawn hawnhekk definiti. Anke għall-istess sena koperti biżżejjed is-sitwazzjoni mbagħad bir-regoli l-oħra dwar il-konkors formali ta' reati u l-assorbiment tal-pieni.'*

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta li l-partecipazzjoni fl-atti sesswali, m'ghandhomx ghalxiex ikunu ndirizzati lejn il-korruzzjoni tal-minorenni, konsegwentament tali reat jirrizulta meta tali partecipazzjoni sesswali tkun prattikata fuq minuri rrispettivament mill-esperjenzi sesswali precedenti taghha. F'dan il-kaz jirrizulta b'mod car u univoku anke kif ammess mill-akkuzat stess fl-

istqarrija tieghu hu beda jippartecipa f'atti sesswali ma Omissis fi zmien ir-Regatta ta' 2017. Dan ifisser illi l-partecipazzjoni tieghu f'atti sesswali ma Omissis bdew f' Settembru 2017 liema atti huma deskritti minn Omissis u mhux michuda mill-akkuzat li kien hemm kongungiment karnali. Dan l-att zgur jekwevalixxi ghal attivitajiet sesswali.

Dr. Charles Mercieca fl-aringa tieghu jghid illi l-Artikolu 208AA tal-Kodici Kriminali li gie emendat is-sena l-ohra permezz ta' Att LXIV ta' 2021 ghandu jitqies bhala mezz ghal fini ghar-reat kif ikkontemplat fl-Artikolu 204C. Dan l-Artikolu 208AA jipprovdi s-segwenti:

> *(1)Kull persuna ta' tmintax (18)-il sena jew aktar li tkun iltaqgħet jew ikkomunikat ma' persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)-il sena f'okkażjoni waħda jew iżjed, li intenzjonalment tiltaqa' jew b'kull mezz tipproponi li tiltaqa' jew tirranġa biex tiltaqa' mal-imsemmija persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)-il sena li hija ma tkunx temmen raġjonevolment illi hija ta' età ta' iżjed minn sittax (16)-il sena, bil-ħsieb li tagħmel xi ħaġa lil jew dwar l-imsemmija persuna ta' età ta' taħt is-sittax (16)-il sena waqt jew wara l-imsemmija laqgħa li jekk issir tkun tinvolvi t-twettiq ta' xi wieħed mir-reati fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inklużi, jew 208A, teħel meta tinstab ħatja l-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt (6) snin.*
>
> *(2) Il-piena għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad wieħed, fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
> *(a) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja tal-persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)- il sena;*
> *(b) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq dik il-persuna;*
> *(ċ) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1);*

*(d) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni rikonoxxuta li jkollu ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)-il sena*

Illi l-Avukat difensur fl-aringa tieghu ghamel referenza ghas-seduta Parlamentari numru 523 datata nhar it-23 ta' Novembru 2021. Ghalhekk din il-Qorti hasset il-htiega li taghmel referenza ghal dak li gie rilevat fl-istess seduta parlamentari fir-rigward ta' din l-akkuza bil-ghan biex tifhem ahjar l-intenzjoni tal-legislatur molto piu' meta tqis illi l-kliem tal-ligi mhux cari. L-Onorevoli Zammit Lewis tkellem dwar l-Abbozz nru 250 u cioe' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar Reati Sesswali u Affarijiet li jirrigwardaw Persuni Minorenni - Tieni Qari. L-Onorevoli Zammit Lewis spjega illi bhala emendi fejn jidhlu r-reati sesswali diga kien hemm emendi fl-2014 u 2018. Jghid ex admissis illi 'fl-2014 kienet saret emenda u sar zvilupp illi rabtet id l-Qrati fejn ma setghetx taghti sentenza inqas mill-minimu tal-piena stipulata f'reati sesswali fejn jinvolvu l-minuri'. Fl-2018 kien hemm sforz iehor legislattiv fejn hraxu l-pieni fejn jidhlu reati sesswali fejn il-vittmi huma minuri.

Permezz ta' dan l-abbozz l-intenzjoni tal-legislatur kienet li jintlahaq bilanc biex ma jkunx hemm fi kliem l-Onor Dr. Zammit Lewis sempliciment *courts of law* izda *courts of justice.* Onor. Adrian Delia ghamel referenza propju ghal artikolu 208AA tal-Kodici Kriminali b'referenza ghal parti li tistipula '*Kull persuna ta' tmintax (18)-il sena jew aktar li tkun iltaqgħet jew ikkomunikat ma' persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)-il sena f'okkażjoni waħda jew iżjed, li intenzjonalment tiltaqa' jew b'kull mezz tipproponi li tiltaqa' jew tirranġa biex tiltaqa' mal-imsemmija persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)-il sena* ***li hija ma tkunx temmen raġjonevolment illi hija ta' età ta' iżjed minn sittax (16)-il sena****'* u hu jghid li **l-obbligu ghandu jkun fuq l-akkuzat u mhux bil-maqlub sabiex nipprotegu z-zghazagh**. Ghaldaqstant acontrario seno, hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova illi l-akkuzat ma jkunx jaf illi l-allegata vittma tieghu (ghar-reati kontemplati fl-Artikoli 204, 204A-204D u 208A). Ghalhekk f'dan il-kaz odjern ghandha tkun il-prosekuzzjoni li tipprova li l-akkuzat kien jaf li Omissis ma kellhiex sittax-il sena meta ppartecipa f'atti sesswali maghha. F'dan il-kaz pero' jirrizulta mill-istqarrija esebita tal-akkuzat li

Deniro Bugeja stess jghid li huwa meta hu mar ma Omissis nhar l-14 ta' Mejju 2018 hu qal li ghalih kellha sittax-il sena. Minkejja dan fl-istess stqarrija, fl-istadju promotur taghha huwa kien ltaqa' ma Omissis l-ewwel darba f'Settembru 2017 u ex admissis jghid 'din ghalija **<u>kienet ser taghlaq</u>[21]** is-sittax il-sena meta ltqajt maghha'.[22] Ghalkemm, aktar tard jghid ukoll li lilu qaltlu li ghandha sittax-il sena. L-Avukat Generali jaghmel referenza fir-replika tieghu ghall-incident tal-ikla fejn Omissis kienet ser ticcelebra gheluq zmiena u cioe' meta kienet ser taghlaq hmistax-il sena fejn missier Omissis ma riedx lill-akkuzat jattendi. Pero' din il-Qorti ma thossx li ghandha tabracca dan l-argument peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova korroborattiva u cioe' lil missier Omissis sabiex jikkonferma dan l-avveniment. Madankollu, din il-Qorti ghandha l-konfort ta' dak li jghid l-akkuzat stess illi meta ltaqa' ma' Omissis, u dan mhux kontestat li kien f' Settembru 2017, meta jghid ukoll li kellu x'jaqsam maghha, huwa jammetti li kienet ghadha ser taghlaq sittax-il sena. Infatti, fl-istqarrija tieghu anke sahansitra jiddeskrivi kif beda dan l-inkontru maghha f'jum ir-regatta u cioe' 8 ta' Settembru 2017 u ex admissis jghid 'li morna naraw film u sar tbghabis u hekk min-naha taghha u jien m'ghedtilhiex le, nammetti'.[23]

L-Avukat Generali argumentat illi dan l-Artikolu u cioe' 208AA ma japplikax ghal kaz odjern u dan ghaliex fil-fhema taghha dan l-Artikolu japplika biss ghar-reat tas-*sexual grooming* u meta persuna taghmel uzu mit-teknologija sabiex tiltaqa' ma persuna u jwettaq r-reati kontemplati fl-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi u 208A. Dwar dan ir-ragunament, din il-Qorti ma taqbilx ghaliex in effetti llum il-gurnata bl-emendi li saru u li gew introdotti bl-Att LXIV ta' 2021 dan l-artikolu gie aktar miftuh. F'dan l-istadju ta' min jirrimarka illi qabel l-emendi li gew introdotti fl-2021, l-Artikolu 208AA kien jaqra hekk:

> *'Kull min, permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, jipproponi li jiltaqa' ma persuna ta' taħt l-età bil-ħsieb li jitwettaq xi*

[21] Enfasi ta' din il-Qorti.
[22] Fol. 65 tal-process.
[23] Fol. 44 tal-process.

*reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u 208A, jista', meta l-proposta tkun segwita b'atti materjali li jwasslu għal dik il-laqgħa, jeħel, li jwasslu għal dik il-laqgħa,meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.*'

Ghalhekk zgur ma kienx l-intenzjoni tal-legislatur illi dan l-artikolu japplika biss ghal kaz ta' sexual grooming li jsir 'permezz ta' teknologiji u nformazzjoni.

L-Avukat difensur isostni wkoll fl-aringa tieghu illi l-akkuzat kien konvint li Omissis kellha sittax-il sena ghaliex hekk kienet qaltlu fuq Facebook u kien nuqqas tal-prosekuzzjoni sabiex tressaq tali prova biex tikkollabora dak li qal l-akkuzat. Hu jammetti wkoll fl-istess aringa illi Omissis kienet ikkancellat u hassret ic-chat logs ta' Facebook li kellha mal-akkuzat. Allura fl-istess hin id-difiza ghandha taccetta illi l-prosekuzzjoni qatt ma setghet tipprezenta dawn ic-chatlogs u ghalhekk il-prosekuzzjoni qatt ma kienet f'posizzjoni li tressaq il-prova tal-Facebook. Din il-Qorti hija sodisfatta sal-grad rikjest mill-ligi li l-akkuzat kien jaf meta hu ppartecipa f'atti sesswali ma Omissis fil-bidu tal-inkontru tieghu maghha illi hi ma kienitx ghadha ghalqet is-sittax-il sena. In vista ta' dak li stqarr l-akkuzat stess u cioe' li kien jaf li Omissis kienet ghadha m'ghalqitx is-sittax-il sena. Meta fir-realta' skont l-att tat-twelid esebit fl-atti fil-bidu ta' Settembru 2017, hija kien ghad ghandha erbatax-il sena.

L-avukat difensur enfasizza illi f'kaz illi din il-Qorti ssib lill-akkuzat hati tar-reat kif kontemplat fl-Artikolu 204C hija ghandha tapplika d-dispozizzjoni tal-proviso tlieta ta' l-istess Artikolu 204C li jiddisponi s-segwenti:

*'Meta l-għemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuż fiżiku u, jew psikoloġiku, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ gradi.'*

Illi jirrizulta mill-provi prodotti u mic-certifikati tat-twelid esebiti li fi zmien meta sehh ir-reat kontemplat fit-tielet Kap. tal-Akkuza u cioe' fil-bidu ta' Settembru 2017, Omissis

kien ghad kellha skond ic-certifkat tat-twelid[24] erbatax-il sena u skond l-akkuzat kellha hmistax-il sena. Filwaqt li l-akkuzat skond ic-certifikat tat-twelid tieghu, dakinhar kellu tlieta u ghoxrin sena. Illi ghalhekk kien hemm differenza ta' bejn tmienja u disa' snin fl-eta'. Jinghad ukoll kif del resto qal l-istess akkuzat li kien hemm differenza fil-manjiera u l-hsieb tant illi fl-istqarrija tieghu ex admissis *'Konna hbieb u jien dejjem ghidtilha, hi dejjem xtaqet nahseb li tizewwigni, tkun l-gharusa tieghi, imma jien qatt, one izghar minni, two mhux xi tifla almenu ghal issa zgur ghadha zghira minn mohhha.'* In oltre jirrizulta illi filwaqt li l-akkuzat kellu mpjieg fiss, il-vittma kienet ghadha l-iskola u ghalhekk dan l-istat ta' fatt ghandu jservi ta' riflessjoni fuq il-maturita' o meno taghhom. F'dan l-istadju wkoll din il-Qorti taghmel referenza ghas-seduta parlamentari sucitata fejn anke fir-rigward dan is-sub-artikolu l-Onor. Dr. Zammit Lewis ta ezempju ta' zewg individwi li ghamlu xi atti sesswali bl-etajiet ta' dsatax u hmistax-il sena, fejn fil-fhema tieghu dawn kellhom jigu kkunsidrati li kellhom eta' vicina. A contrario senso, differenza ta' tmien snin ma tistax titqies bhala li kienu ta' eta' vicina u konsegwentament il-parametri kreati b'din id-dispozizzjoni b'diskrezzjoni moghtija lil Qorti m'ghandhiex tigi mgebbda sabiex tkopri sitwazzjoni bhal din odjerna. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li m'ghandhiex tapplika dan is-sub-inciz.

Illi ghalhekk fil-fhema tal-Qorti, din l-akkuza tirrizulta pprovata u cioe' li ntenzjonalment l-akkuzat ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma Omissis, meta kienet ghadha ma ghalqitx is-sittax-il sena.

Illi din il-Qorti, rat is-sentenza esebita mill-Ufficjal Prosekutur John Spiteri fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2018[25] fejn l-akkuzat kien instab hati b' sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Deniro Bugeja** nhar 19 t' April 2016 ta' reati naxxenti mill-Ordinanza ta' Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u mill-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-

[24] Fol. 5 tal-process.
[25] Fol. 164 tal-process, DokAD1.

Mutur ghal Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn gie kkundannat tlett xhur prigunerija pero' a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tali sentenza giet sospiza ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi din il-Qorti, rat ukoll is-sentenza esebita mill-Ufficjal Prosekutur John Spiteri fis-seduta ta' 19 ta' Frar 2019[26] fejn l-akkuzat kien instab hati fuq ammissjoni tieghu b' sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Deniro Bugeja** nhar 14 ta' Novembru 2014 ta' reati naxxenti mill-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u talli kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-12 ta' Novembru 2013 fejn gie kkundannat ghal sena u nofs prigunerija effettiva u multa ta' elf euro u ordnat isehh tas-sentenza datata 12 ta' Novembru 2013 permezz ta' liema l-imputat gie kkundannat xahrejn prigunerija.

Rat ukoll dak li gie vverbalizzat fil-bidu tac-celebrazzjoni ta' dan il-guri u cioe' fis-seduta tat-8 ta' Marzu fejn id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li jressqu lil Eunice Grech Fiorini, Direttur tal-Qorti Kriminali biex tikkonferma li s-sentenzi ma gewx appellati.

Rat ukoll illi l-konnotati tal-akkuzat f'dawn iz-zewg sentenzi huma l-istess bhal konnotati tal-akkuzat odjern u ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta illi l-akkuzat ghandu jinstab hati li hu recediv.

**Ir-Raba' Kap. tal-Akkuza tirrigwardja kommissjoni ta' reat waqt l-operat ta' sentenza sospiza.**

Illi din il-Qorti, rat is-sentenza fuq citata u cioe' dik esebita mill-Ufficjal Prosekutur John Spiteri fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2018[27] fejn l-akkuzat kien instab hati b'

[26] Fol. 207 tal-process, DokAD1.
[27] Fol. 164 tal-process, DokAD1.

sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Deniro Bugeja</u>** nhar 19 t' April 2016 ta' reati naxxenti mill-Ordinanza ta' Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u mill-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghal Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn gie kkundannat tlett xhur prigunerija pero' a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tali sentenza giet sospiza ghal perjodu ta' tlett snin. Ghalhekk il-perjodu tas-sospensjoni ta' din is-sentenza kien sad-19 t' April 2019.

Rat illi din il-Qorti qed issib lill-akkuzat hati tat-Tielet Kap. tal-Akkuza, tar-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali li saru f' Settembru 2017 u ghalhekk fiz-zmien operattiv tas-sentenza appena citata u konsegwentament qed issibu hati tal-kommissjoni ta' reat fi zmien operattiv tas-sentenza u b'hekk it-terminu ta' prigunerija ta' tlett xhur moghtija b'dik is-sentenza tad-19 t' April 2016, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandu jigi res operattiv.

**<u>Piena</u>**

**<u>Ghal fini ta' piena din il-Qorti qieset is-segwenti fatturi:</u>**

1. Il-fedina penali tal-appellant li ghandha erba' *convictions* registrati fejn instab hati ta' diversi reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku; l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghal Riskji ta' Terzi Persuni; l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija;
2. Il-fatt illi l-aggressur kellu tlieta u ghoxrin sena meta kkommetta r-reat li tieghu jinsab hati waqt li l-vittma kellha biss hmistax-il sena; u
3. Il-fatt illi l-vittma kellha ossessjoni orribbli fuq l-akkuzat tant li jista' jinghad illi minhabba l-agir ta' persekuzzjoni taghha setgha facilment jitlef il-liberta' provvizorja li kien qed igawdi f'dawn il-proceduri, kif ukoll jaffaccja proceduri godda ghall-ksur ta' *protection order*.
4. Ir-reat li tieghu qed jinsab hati gie kommess bil-kunsens tal-vittma.

Jinghad ghalhekk illi l-piena disposta fl-Artikolu 204C tal-Kodici Kriminali hi dik ta' bejn hames snin u ghaxar snin. Illi l-aggravji msemmija fis-subinciz 2 tal-istess artikolu ma japplikawx ghal kaz odjern, pero, skond l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, stante li qed issibu recediv, din il-Qorti ghandha diskrezzjoni biex izzid il-piena bi grad jew tnejn. Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tar-reat kontemplat taht it-Tielet Kap. t'Akkuza u cioe' l-Artikolu 204C u tal-akkuza tar-recediva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sitt snin. Tiddikjara ulterjorment li mhux qed issbu hati tar-reati l-ohra hekk kif kontemplati fir-rimanenti Kapi tal-Akkuza.

Oltre dan qedgha tordna li s-sentenza sospiza ta' tlett xhur prigunerija moghtija permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 t' April 2016 ghandha tigi reza operattiva.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti nominati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti rat illi dawn l-esperti kienu bzonnjuzi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova r-reat ta' stupru hekk kif kontemplat taht l-Ewwel Kap. tal-Akkuza u din il-Qorti ma sabitux hati taghha u konsegwentament ma thossx li ghandha tikkundannah ihallas tal-ispejjez.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-akkuzat sabiex ihallas lill-vittma xi danni ai terminu tal-Artikolu 532A, il-Qorti qieset il-komportament tal-vittma u cioe' il-persistenza taghha li tkun fil-kumpanija tal-akkuzat anke waqt l-andament ta' dawn il-proceduri u fid-dawl tal-istess ma thossx li ghandha arbitrio boni viri tillikwida xi danni fil-konfront taghha.

Il-Qorti tordna illi z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza ta' prigunerija moghti minn din il-Qorti.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem u l-konnotati tal-vittma f'kull mezz tax-xandir.

Il-Qorti tordna wkoll il-hrug ta' protection order ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, taht penali ta' elfejn euro fin-nuqqas li tigi segwita.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-akkuzat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**